

Brussell, 25 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11949/25

COH 150  
SOC 552  
FIN 920  
ECOFIN 1065  
RECH 351  
COMPET 776  
TELECOM 256  
CYBER 219  
CLIMA 289  
ENV 734  
INDEF 78  
POLMIL 228  
CADREFIN 130  
POLGEN 101

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport Annwali 2024 dwar il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)
----------	--

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 322 final.

Mehmuż: COM(2025) 322 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.6.2025  
COM(2025) 322 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Rapport Annwali 2024 dwar il-Pjattaforma tat-Teknoloġġi Strateġiċi għall-Ewropa  
(STEP)**

# WERREJ

Lista ta' Abbrevjazzjonijiet .....	2
Sommarju Eżekuttiv .....	3
Introduzzjoni .....	6
1.1.    STEP: Insaħħu t-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa .....	6
1.2.    Approċċ koordinat: 4 Għodod ewlenin li jixprunaw l-implimentazzjoni ta' STEP .....	6
1.3.    L-iskala tal-finanzjament u l-fokus strateġiku.....	7
1.    GĦODDA 1: Organizzazzjoni ġdida għall-implimentazzjoni ta' STEP.....	9
1.1.    It-Taskforce ta' STEP .....	9
1.2.    Networks ta' STEP .....	10
1.2.1.    In-network ta' STEP fil-Kummissjoni Ewropea.....	10
1.2.2.    In-network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali ta' STEP .....	10
1.3.    Sensibilizzazzjoni dwar STEP: linja diretta mal-partijiet ikkonċernati tar-riċerka u l-industrija.....	11
2.    GĦODDA 2: L-allinjament tal-finanzjament tal-UE għat-teknoloġiji strateġiċi .....	12
2.1.    Kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-oġġettivi ta' STEP .....	12
2.2.    Programmi taħt ġestjoni diretta.....	13
2.2.1.    Xprunar tal-innovazzjoni nadifa .....	17
2.2.2.    Aċċellerazzjoni tal-innovazzjonijiet diġitali u tat-teknoloġija profonda.....	19
2.2.3.    Għoti tas-setgħa lill-bijoteknoloġiji .....	21
2.3.    Fondi tal-politika ta' koeżjoni .....	23
2.3.1.    Analiżi tal-użu ta' STEP fil-politika ta' koeżjoni .....	25
2.3.2.    Sejnhiet għal proposti taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni.....	33
2.3.3.    Proġetti magħżula.....	33
2.4.    Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u InvestEU .....	34
3.    GĦODDA 3: Tisħiħ tal-viżibbiltà għal proġetti eċċellenti - is-Siġill STEP .....	34
3.1.    Kriterji ta' eliġibbiltà.....	35
3.2.    L-għoti tas-Siġill STEP .....	35
3.3.    Benefiċċji li tirċievi Siġill STEP.....	36
3.4.    Is-Sitwazzjoni Attwali.....	37
4.    GĦODDA 4: Iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament bil-Portal STEP .....	41
4.1.    Portal STEP: punt uniku ta' servizz għall-applikanti tal-proġetti, għall-awtoritajiet pubbliċi, u għall-investituri .....	41
4.2.    STEP bħala punt ta' dħul uniku pilota għall-finanzjament tal-UE .....	42
5.    Kontribut għall-oġġettivi fit-tul dwar il-kompetittività .....	45
6.    Konklużjoni.....	45

## Lista ta' Abbrevjazzjonijiet

Abbrevjazzjoni	Definizzjoni
IA	Intelliġenza Artifiċjali
CAPEX	Nefqa Kapitali
EDF	Fond Ewropew għad-Difiża
EFTA	Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Fieles
FEŻR	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
FSE+	Fond Soċjali Ewropew Plus
L-UE għas-Saħħa	Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa
BEI	Bank Ewropew tal-Investment
JTF	Fond għal Tranżizzjoni Ġusta
QFP	Qafas Finanzjarju Pluriennali
NCP	Punt ta' Kuntatt Nazzjonali
NUTS	Klassifikazzjoni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika
OCA	Valutazzjoni tal-Kontroll tas-Sjieda
OPEX	Nefqa Operatorja
R&Ż	Riċerka u Żvilupp
R&I	Riċerka u Innovazzjoni
RRF	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
RRP	Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza
SME	Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju
STEP	Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa
TRL	Livell ta' Tħejjija Teknoloġika

# Sommarju Eżekuttiv

Il-Pjattaforma tat-Teknoloġġi Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) tat **riżultati konkreti f'inqas minn sena** mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament STEP f'Marzu 2024 bħala parti mir-reviżjoni ta' terminu medju tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027.

L-oġġetti ta' STEP huma allinjati bis-sħiħ mal-prijoritajiet tal-mandat il-ġdid tal-Kummissjoni. Din għandha l-għan li tiżgura s-sovranità u s-sigurtà tal-Unjoni, tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi, u ssaħħaħ il-kompetittività billi tappoġġa **l-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġġi kritiċi** — b'mod partikolari fit-teknoloġġi diġitali u profondi, it-teknoloġġi nodfa u effiċjenti fir-riżorsi, u l-bijoteknoloġġi — filwaqt li ssaħħaħ **il-ktajjen tal-valur rispettivi tagħhom**, u tinvesti fil-**ħiliet meħtieġa għal impjegi ta' kwalità** għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

STEP ma hijjex Fond awtonomu. STEP taħdem billi **tintegra u tikkoordina l-fondi eżistenti tal-UE** – billi tikkombina fondi ġestiti direttament mill-Kummissjoni u fondi ġestiti mill-Istati Membri – filwaqt li tiżgura li l-investiment pubbliku jkun dirett b'mod aktar effettiv lejn prijoritajiet industrijali u teknoloġiċi kritiċi.

Din l-inizjattiva tal-UE wriet kif **il-finanzjament tal-UE jista' jirrispondi għall-prijoritajiet politiċi u jikkontribwixxi għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE**. Il-potenzjal trasformattiv ta' STEP intwera mill-approċċ uniku, l-azzjonijiet iċċentrati fuq l-utent, u l-koordinazzjoni tagħha bejn 11-il programm ta' finanzjament eżistenti tal-UE - fin-nuqqas ta' baġit iddedikat lil hinn minn żieda ta' EUR 1,5 biljun għall-Fond Ewropew għad-Difiża taħt STEP.

Stadji importanti ewlenin f'din l-ewwel sena ta' operazzjonijiet<sup>1</sup> jinkludu:

- L-allinjament ta' aktar minn **EUR 10 biljun f'finanzjament fil-11-il programm tal-UE** li jikkontribwixxu għal STEP sa **tmien l-2024**.
- L-ewwel **sejthiet STEP tal-UE** għalqu f'**Marzu 2024**, segwiti rapidament minn **sejthiet STEP nazzjonali fil-politika ta' koeżjoni** li tnedew minn **April 'il quddiem**.
- Il-**Portal STEP** beda jopera f'**April 2024**, u pprova punt uniku ta' servizz għall-applikanti, u ġie aġġornat b'għodod ġodda inkluż **dashboard tal-proġetti** u **mappa tal-finanzjament**.
- Il-pubblikazzjoni tan-**Nota ta' Gwida dwar STEP** bħala Komunikazzjoni tal-Kummissjoni<sup>2</sup> f'**Mejju 2024**, skont il-mandat li ngħata mir-Regolament STEP, li tipprova direzzjoni prattika lill-Istati Membri u lill-promoturi tal-proġetti biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u effettiva fil-programmi ta' finanzjament.
- F'**Settembru 2024** tnedja **stħarriġ tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-UE** biex jinġabar l-input tal-partijiet ikkonċernati dwar it-titjib tal-aċċessibilità għall-finanzjament.
- STEP ħadet l-ewwel passi tagħha fuq il-post b'**missjonijiet tekniċi fl-Istati Membri** li bdew f'**Ottubru 2024**.

<sup>1</sup> <https://ec.europa.eu/newsroom/budget/items/872570/>

<sup>2</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C/2024/3209, Nota ta' Gwida dwar ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/795 li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġġi Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), 2024, disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/3209/oj>

- L-ewwel **proġetti tas-Siġill STEP** ingħataw fil-Ħarifa tal-2024, u ġew promossi pubblikament permezz tal-Portal STEP f'**Diċembru 2024**, li żied il-viżibbiltà u l-potenzjal ta' tlaqqiġh.

FI-2024, **aktar minn EUR 10 biljun ta' fondi tal-UE ġew allinjati ma' STEP**, billi ġew ikkombinati **EUR 4,6 biljun** immexxija mill-Kummissjoni tal-UE taħt ħames programmi ta' ġestjoni diretta u **EUR 5,9 biljun** riprogrammati mill-Istati Membri u r-reġjuni taħt il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

**Diżaggregazzjoni tal-finanzjament taħt ġestjoni diretta fl-Istati Membri kollha (EUR 4,6 biljun) – ara t-taqsima 2.2.**

- **Teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi: EUR 4 biljun** allokati<sup>3</sup> għad-dekarbonizzazzjoni, l-elettrifikazzjoni industrijali, u l-manifattura nadifa.
- **It-teknoloġiji diġitali u profondi: EUR 461 miljun** allokati għall-IA, il-computing kwantistiku, il-mikroelettronika u ċ-ċibersigurtà.
- **Il-bijoteknoloġija: EUR 154 miljun** allokati għall-innovazzjoni medika, l-iżvilupp tal-vaċċini, u l-manifattura tal-farmaċewtiċi.

**Diżaggregazzjoni tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni (EUR 5,9 biljun) – ara t-taqsima 2.3.**

- **EUR 5,9 biljun** f'emendi approvati tal-programmi tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni sa tmiem l-2024 biex il-fondi għall-iżvilupp reġjonali jiġu allinjati mal-oġettivi ta' STEP.
- FI-2024 diġà **tnedew sejħiet STEP** fil-Ġermanja u fid-Danimarka.
- **L-għażliet inizjali ta' proġetti jenfasizzaw il-firxa ta' STEP** – mill-idroġenu ekoloġiku u s-sistemi kwantistiċi għall-finanzjament tal-SMEs u l-produzzjoni ta' batteriji nodfa.

**Il-Kummissjoni tat Siġilli STEP (tas-Sovranità)<sup>4</sup> lil proġetti ta' kwalità – ara t-taqsima 3**

- **162 proġett b'potenzjal għoli fi 23 Stat Membru tal-UE**, bil-ħsieb li tiġi żviluppata l-viżibbiltà tagħhom u jiġi attirat finanzjament ġdid.
- **Is-Siġilli STEP jiġu promossi permezz tal-Portal STEP**, li jgħaqqad il-proġetti mal-investituri u l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Istati Membri.
- Mogħtija taħt programmi tal-UE bħal Orizzont Ewropa u l-Fond għall-Innovazzjoni, **il-proġetti tas-Siġill STEP huma mifruxa fis-setturi kollha ta' STEP** fit-teknoloġiji nodfa, diġitali u bijoteknoloġiċi.

**Tisħiħ tal-Aċċess għall-Finanzjament Permezz tal-Portal STEP (Sovranità)<sup>5</sup> – ara t-taqsima 4**

- Il-Kummissjoni nediet il-Portal il-ġdid ta' STEP biex **tintegra l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE fil-programmi kollha ta' STEP.**
- Imniedi f'**April 2024.**

<sup>3</sup> Allokati tinftehem bħala l-allokazzjoni baġitarja ppjanata għal programm, sejhja jew suġġett partikolari.

<sup>4</sup> Is-Siġilli STEP jissejġu s-Siġilli tas-Sovranità fir-Regolament STEP

<sup>5</sup> Il-Portal STEP jissejjaħ il-Portal tas-Sovranità fir-Regolament STEP

- Fih [proġetti tas-Siġill STEP, mapep tal-finanzjament nazzjonali](#), u taqsima [“Ikseb Finanzjament” interattiva](#) għal navigazzjoni aktar faċli tal-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli taħt STEP.

# Introduzzjoni

Dan l-ewwel Rapport Annwali dwar il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) jipprovdi **ħarsa ġenerali konsolidata lejn l-implimentazzjoni tagħha fl-2024<sup>6</sup>**, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament STEP (UE) 2024/795. Jippreżenta informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-progress li sar lejn l-oġettivi ta' STEP taħt kull wieħed mill-programmi elenkati fl-Artikolu 3, inkluż, fejn disponibbli, l-appoġġ ipprovdut għal kull Stat Membru u dwar proġetti transfruntiera, u b'hekk joffri stampa konsolidata tar-riżultati bikrija ta' STEP u l-kontribut għall-kompetittività Ewropea.

Ir-rapport jinkludi wkoll:

- diżaggregazzjoni tan-nefqa globali skont il-programm;
- ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni bbażata fuq l-indikaturi rilevanti tal-programm;
- analiżi tad-distribuzzjoni ġeografika u teknoloġika tal-proġetti li ngħataw is-Siġill STEP (tas-Sovranità); u
- ħarsa ġenerali lejn il-kontribut ta' STEP għall-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kompetittività fit-tul.

Il-Kummissjoni se tippubblika rapport ta' evalwazzjoni interim separat dwar STEP skont l-Artikolu 8 tar-Regolament STEP fit-tieni nofs tal-2025.

## 1.1. STEP: Insaħħu t-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa

STEP tnediet biex issaħħaħ il-kompetittività industrijali tal-UE, tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi, u tappoġġa l-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi. Pjuttost milli toħloq fond awtonomu, **STEP topera b'approċċ ġdid billi tikkoordina 11-il programm eżistenti tal-UE**, u b'hekk tippermetti użu aktar rapidu u aktar immirat tar-riżorsi finanzjarji fit-teknoloġiji diġitali u profondi, fit-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi, fil-bijoteknoloġiji, u fil-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

STEP tintroduċi **qafas ta' investiment aktar integrat u flessibbli** billi tgħaqqad koordinazzjoni aktar b'saħħitha mal-Istati Membri, inċentivi mtejba għall-Istati Membri biex jirridirezzjonaw il-finanzjament tal-UE, u aċċess simplifikat u ċċentrat fuq l-utent għall-opportunitajiet ta' finanzjament permezz tal-Portal STEP u s-Siġill STEP — tikketta ta' kwalità biex tingħata spinta lill-viżibbiltà u lill-potenzjal ta' finanzjament għal proġetti b'potenzjal għoli.

## 1.2. Approċċ koordinat: 4 Għodod ewlenin li jixprunaw l-implimentazzjoni ta' STEP

L-implimentazzjoni tar-Regolament STEP tibni fuq 4 għodod operazzjonali, li madwarhom huwa strutturat ir-Rapport Annwali:

1. **Organizzazzjoni ġdida: network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs, national contact points) u tim iddedikat fi ħdan il-Kummissjoni** biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' STEP fi 11-il programm tal-UE b'mod konsistenti, b'appoġġ għall-Istati Membri.

---

<sup>6</sup> Id-data limitu għad-data ppreżentata hija mifhuma li tapplika sal-31 ta' Diċembru 2024. Is-sejthiet immedija fl-2024 li għalqu fl-2025 għalhekk ma humiex ikkunsidrati fl-ammonti totali f'dan ir-Rapport Annwali.

2. Tmexxija tal-finanzjament tal-UE: direzzjoni tal-**fondi eżistenti tal-UE** lejn is-setturi u l-oġġettivi ta' STEP.
3. Siġill STEP: tikketta ta' kwalità ġdida mogħtija mill-Kummissjoni lil **proġetti ta' kwalità** oġġla mil-limiti ta' evalwazzjoni, li żżid l-oportunitajiet tagħhom li jiksbu finanzjament mill-programmi ta' STEP.
4. Portal STEP: pjattaforma online immedija mill-Kummissjoni u li tipprovdi **punt ta' dħul aktar ċar u aktar aċċessibbli** għall-promoturi tal-proġetti, għall-investituri u għall-awtoritajiet pubbliċi.

### ILLUSTRAZZJONI 1: Ħarsa ġenerali lejn I-4 għodod operazzjonali



**Riprogrammazzjoni**  
tal-finanzjament tal-UE b'sejniet  
iddedikati  
għas-setturi ta' STEP.



**Siġill STEP**  
Tikketta għal proġetti STEP ta'  
kwalità għolja  
li tappoġġahom biex jaċċessaw il-  
finanzjament.



**Portal STEP**  
li jikkonsolida l-oportunitajiet  
kollha ta' finanzjament għas-  
setturi ta' STEP  
iffinanzjati mill-baġit tal-UE



**Punt Uniku ta' Servizz**  
Punt ta' dħul għal kwalunkwe  
mistoqsija lit-Task Force ta' STEP  
u appoġġ mill-  
Punt ta' Kuntatt Nazzjonali.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

### 1.3. L-iskala tal-finanzjament u l-fokus strateġiku

L-aproċċ innovattiv ta' STEP **imexxi l-finanzjament tal-UE fi 11-il programm eżistenti tal-UE** (ara l-Illustrazzjoni 2 hawn taħt):

- 5 programmi ta' finanzjament ġestiti mill-Kummissjoni għas-suq intern (Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-Fond Ewropew għad-Difiża, il-programm Ewropa Diġitali, u l-programm I-UE għas-Saħħa);
- 5 fondi appoġġati permezz ta' pakketti nazzjonali ffinanzjati mill-UE (eż., il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF,

Just Transition Fund), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility));

- strument wieħed (InvestEU) implimentat mas-sħab tal-Kummissjoni (eż., il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI)).

## ILLUSTRAZZJONI 2: Ħarsa ġenerali lejn il-11-il programm STEP



<sup>(1)</sup> Programm ibbażat fuq il-prestazzjoni ġestit mill-Kummissjoni Ewropea u implimentat mill-Istat Membri  
<sup>(2)</sup> Implimentat permezz tal-grupp tal-BE u sħab oħra ta' implimentazzjoni – li ma jagħtux is-Siġill

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

# 1. GĦODDA 1: Organizzazzjoni ġdida għall-implimentazzjoni ta' STEP

## 1.1. It-Taskforce ta' STEP

Wara l-proposta tal-Kummissjoni minn Ġunju 2023<sup>7</sup> biex tiġi stabbilita STEP, inħolqot Taskforce ddedikata ta' STEP u mgħammra b'riżorsi riallokati mis-servizzi tal-Kummissjoni involuti fil-programmi skont il-mandat ta' STEP.

L-objettivi ewlenin tat-Task Force ta' STEP huma:

- Li tiffaċilita u tikkoordina l-implimentazzjoni ta' STEP; u
- Tikkontribwixxi għat-tnejn tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) futur fir-rigward tal-kompetittività.

L-implimentazzjoni ta' STEP fi programmi li joperaw skont regoli, skedi ta' żmien u bażi legali differenti, u madwar l-Istati Membri, kienet sfida operazzjonali partikolari **li kienet tirrikjedi sforzi kbar ta' koordinazzjoni u kjarifika.**

<sup>7</sup> COM(2023) 335 final: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52023PC0335>

## 1.2. Networks ta' STEP

### 1.2.1. In-network ta' STEP fil-Kummissjoni Ewropea

F'konformità man-natura trażversali ta' STEP, it-Task Force ta' STEP stabbiliet **network intern tad-Direttorati Ġenerali (DĠ) tal-Kummissjoni Ewropea**, li jinkludi 14-il servizz<sup>8</sup> li huma involuti fi, jew responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' finanzjament tal-UE taħt STEP. Dan in-network iltaqa' 7 darbiet fl-2024 u kellu interazzjonijiet regolari matul is-sena.

### 1.2.2. In-network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali ta' STEP

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament STEP, **I-Istati Membri kollha** ħlief iċ-Ċekja<sup>9</sup> u l-Irlanda **ħatru l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali (NCP, National Contact Point) rispettiv tagħhom ta' STEP fl-2024**. Dan il-grupp ta' istituzzjonijiet pubbliċi maħtura fil-livell nazzjonali jiffirma n-[network ta' NCPs ta' STEP](#) li huwa ppresedut mid-Direttur għad-Dħul u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali tad-DĠ BUDG. Matul l-2024, in-network tal-NCPs iltaqa' 4 darbiet online u wiċċ imb wiċċ. Il-membri qasmu l-esperjenza tagħhom, filwaqt li l-Kummissjoni pprovdiet ċarezza dwar l-oġettivi ta' STEP u qasmet regolarment is-Siġilli STEP mogħtija lill-proġetti lir-rappreżentanti tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni żviluppat dokumenti ta' referenza biex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' STEP fl-Istati Membri, bħal:

- In-[Nota ta' Gwida dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament STEP](#);
- Il-[Fuljett għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni ta' STEP](#);
- L-[Avviż dwar il-modifika tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiġu allokati riżorsi għall-oġettivi STEP](#);
- Il-[Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat](#);
- Il-[Mapep tal-Għajnuna Reġjonali](#);
- [Farsa ġenerali lejn l-emendi tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni adottati mill-Kummissjoni](#).

Barra minn hekk, fl-2024, it-**Task Force ta' STEP wettqet missjonijiet fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja u fir-Rumanija**, fejn iltaqgħet ma' awtoritajiet pubbliċi, assoċjazzjonijiet tal-industrija, SMEs u startups, u intermedjarji finanzjarji biex tqajjem l-għarfien dwar STEP u tippromwovi l-inċentivi u l-benefiċċji ta' STEP lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-partijiet ikkonċernati potenzjali oħra f'dawk il-pajjiżi.

Ir-Regolament STEP jistabbilixxi n-**network ta' NCPs ta' STEP fost l-Istati Membri tal-UE**. It-Taskforce ta' STEP kienet involuta wkoll ma' pajjiżi terzi assoċjati ma' programmi li fuqhom hija bbażata STEP (bħal Orizzont Ewropa), inklużi pajjiżi taż-Żona Ewropea ta' Kummerċ Ħieles (EFTA, European Free Trade Area).

---

<sup>8</sup> Il-membri ta' dan in-network huma d-DĠ BUDG, id-DĠ CLIMA, id-DĠ CNECT, id-DĠ COMP, id-DĠ DEFIS, id-DĠ ECFIN, id-DĠ EMPL, id-DĠ GROW, id-DĠ HERA, id-DĠ REGIO, id-DĠ RTD, id-DĠ SANTE, l-SĠ RECOVER, u l-SĠ.

<sup>9</sup> Fis-6 ta' Frar 2025, iċ-Ċekja ħatret Punt ta' Kuntatt Nazzjonali ta' STEP.

### 1.3. Sensibilizzazzjoni dwar STEP: linja diretta mal-partijiet ikkonċernati tar-riċerka u l-industrija

Bil-għan li jiġu identifikati l-ħtiġijiet mill-benefiċjarji potenzjali ta' finanzjament tal-UE, it-**Task Force ta' STEP għamlet konsultazzjonijiet estensivi** mal-partijiet ikkonċernati tar-riċerka u l-industrija matul l-2024.

Filwaqt li bbażat fuq in-networks u l-kanali eżistenti ġestiti b'mod partikolari mid-DĠ GROW<sup>10</sup> (pereżempju, il-Forum Industrijali, in-Network Enterprise Europe, il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti) u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi settorjali elenkati fir-Regjistru tat-Trasparenza tal-UE, it-Task Force ta' STEP iltaqgħet l-aktar mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija iżda wkoll ma' istituzzjonijiet pubbliċi bħall-uffiċċji Reġjonali tal-UE, il-Komunitajiet ta' Konossenza u Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, in-network tar-Reġjuni, investituri u atturi oħra. Madwar nofs il-partijiet ikkonċernati li ltaqgħet magħhom it-Task Force fl-2024 huma attivi f'aktar minn settur wieħed ta' STEP iżda b'rappreżentanza qawwija mis-settur tat-teknoloġija nadifa.

It-Task Force ta' STEP impenjat ruħha ma' **entitajiet jew avvenimenti madwar l-UE kollha** (eż., EuroChambres, li tirrappreżenta l-Kmamar tal-Kummerċ kollha tal-UE, il-Hannover Messe<sup>11</sup>, fejn iltaqgħet ma' rappreżentanti tal-SMEs mill-Istati Membri u l-Assemblea tal-SMEs organizzata mill-Presidenza Ungeriża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea) kif ukoll Stati Membri speċifiċi. Dawn huma l-elementi ewlenin tal-feedback li wasal dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-UE:

- Kwistjonijiet **regolatorji** u strutturali (kostijiet għoljin tal-enerġija u lavorattivi, kundizzjonijiet ekwi għall-għajjnuna mill-Istat, artikolazzjoni bejn il-finanzjament/l-appoġġ għall-investment tal-UE u nazzjonali);
- Sfidi fin-**navigazzjoni u l-aċċess** għall-finanzjament tal-UE;
- Lakuni fil-finanzjament matul iċ-**ċiklu tal-innovazzjoni** (nuqqas ta' appoġġ għal TRLs ogħla, l-ebda fokus fuq il-kummerċjabbiltà tar-riċerka appoġġata);
- Il-ħtieġa għal **approċċ aktar fit-tul** (il-perjodu ta' żmien tal-QFP huwa qasir wisq għall-istabbiltà fit-tul tal-industrija);
- L-attrazzjoni tal-**UE vs dik internazzjonali** għall-industrija.

---

<sup>10</sup> Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

<sup>11</sup> Il-Hannover Messe hija waħda mill-akbar fieri kummerċjali industrijali fid-dinja, li ssir kull sena fil-Ġermanja, u turi innovazzjonijiet fl-awtomazzjoni, l-enerġija, id-diġitalizzazzjoni, u t-teknoloġiji avvanzati tal-manifattura.

## 2. GĦODDA 2: L-allinjament tal-finanzjament tal-UE għat-teknoloġiji strateġiċi

### 2.1. Kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-obiettivi ta' STEP

Skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament STEP, il-koleġiżlaturi taw mandat lill-Kummissjoni biex toħroġ gwida dwar ċerti dispożizzjonijiet ta' STEP. Bi tweġiba għal dan, fit-13 ta' Mejju, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni fil-forma ta' **Nota ta' Gwida**<sup>12</sup>, li tipprovdi direzzjoni prattika biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u effettiva fil-programmi ta' finanzjament kollha.

In-Nota ta' Gwida sservi tliet għanijiet:

- **Kjarifika tal-obiettivi ta' STEP:** Tiddeskrivi l-obiettivi li fuqhom huwa bbażat ir-Regolament STEP (l-Artikolu 2), u tiċċara kunċetti ewlenin bħall-ktajjen tal-valur u s-servizzi assoċjati.
- **Illustrazzjoni tas-setturi appoġġati:** Tespandi fuq it-tliet setturi prijorizzati minn STEP – it-teknoloġiji diġitali/profondi, it-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi, il-bijoteknoloġiji, u l-ħiliet rilevanti; akkumpanjata minn lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' teknoloġiji li jistgħu jiġu appoġġati.
- **Espansjoni fuq il-kundizzjonijiet għall-konsiderazzjoni tat-teknoloġiji kritiċi:** Tispjega l-kundizzjonijiet li t-teknoloġiji jridu jissodisfaw biex jitqiesu bħala kritiċi, b'enfasi fuq id-dimensjonijiet tal-Unjoni u tas-suq intern.

In-Nota ta' Gwida tindirizza l-**ewwel kundizzjoni ta' STEP** dwar l-**innovazzjoni**. Tispjega li l-appoġġ ta' STEP għandu jiffoka fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja, u li t-teknoloġiji kritiċi għandhom juru mill-anqas tnejn mit-tliet elementi innovattivi, emerġenti u/jew mill-aktar avvanzati. Barra minn hekk, teknoloġija kritika għandha turi potenzjal ekonomiku sinifikanti, billi jkollha l-ogħla effetti konsegwenzjali fi Stati Membri oħra, li jistgħu jżidu l-potenzjal ekonomiku fis-suq intern. Ir-riċerka u l-użu fundamentali wkoll ma humiex fil-mira ta' STEP, li l-fokus tagħha huwa fuq l-iżvilupp u l-manifattura.

Tindirizza wkoll it-**tieni kundizzjoni ta' STEP** dwar it-**tnaqqis jew il-prevenzjoni tad-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni**. Tispjega li dawn id-dipendenzi jistgħu jiġu rikonnoxxuti fid-dokumenti strateġiċi tal-UE jew identifikati meta d-dipendenza fuq fornituri ta' pajjiżi terzi tkun sinifikanti. Tiddeskrivi wkoll ħames fatturi ta' valutazzjoni biex jiggwidaw lill-awtoritajiet ta' finanzjament fid-determinazzjoni tal-kontribut ta' teknoloġija għat-tnaqqis jew il-prevenzjoni tad-dipendenzi strateġiċi.

In-Nota ta' Gwida kellha rwol importanti fl-appoġġ lis-**servizzi tal-Kummissjoni, lill-NCPs ta' STEP, u lill-awtoritajiet ta' ġestjoni** biex jiżguraw **implimentazzjoni konsistenti** tal-11-il programm STEP – xi wħud ġestiti direttament mill-Kummissjoni, oħrajn f'ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Din il-konsistenza ggarantiet li l-proġetti ta' kwalità jingħataw prijorità u li t-teknoloġiji kritiċi jirċievu l-appoġġ meħtieġ.

---


<sup>12</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C/2024/3209, Nota ta' Gwida dwar ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/795 li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), 2024, disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/3209/oj>

STEP hija inkorporata fi f'ndan il-programmi eżistenti tal-UE, kull wieħed implimentat skont il-bażi legali u l-oġġetti usa' proprji tiegħu. Fost dawn, il-Fond Ewropew għad-Difiża biss irċieva rinfurzar baġitarju ddedikat taħt STEP.

## 2.2. Programmi taħt ġestjoni diretta

Il-Kummissjoni talloka fondi tal-UE permezz tal-programmi STEP li timmaniġġja direttament biex **tappoġġa l-oġġetti ta' STEP madwar l-Unjoni u fis-suq intern** – minkejja li STEP għet adottata f'nofs il-perjodu tal-QFP u kull programm isegwi għadd ta' oġġetti ta' politika lil hinn minn dawk ta' STEP.

**ILLUSTRAZZJONI 3: Diżaggregazzjoni settorjali tar-riżorsi allokatu għal STEP fl-2024 (f'%)**



Sors: Rapportar tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea.

**FI-2024, ingħalqu s-sejñiet għall-proposti<sup>13</sup> taħt il-ħames programmi kollha rilevanti għal STEP f'għestjoni diretta fit-tliet setturi ta' STEP:** il-Fond għall-Innovazzjoni<sup>14</sup>, Orizzont Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali (DEP, Digital Europe Programme), il-programm I-UE għas-Saħħa, u l-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF, European Defence Fund) - b'rinfurzar baġitarju ta' EUR 1,5 biljun għall-azzjonijiet STEP speċifikament għall-EDF.

B'kollox, il-**baġit inizjali allokat** kien jammonta għal **EUR 4,6 biljun** b'apport għal teknoloġiji rilevanti għal STEP fl-2024<sup>15</sup>, li l-maġġoranza l-kbira tagħhom ġew ipprovduti għal teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi taħt il-Fond għall-Innovazzjoni. Mill-2024, sejħa waħda għall-proposti kienet immirata speċifikament lejn l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi fis-setturi rilevanti għal STEP: il-“Programmi ta' Edukazzjoni Speċjalizzati f'Oqsma ta' Kapaċità Ewlenin” taħt id-DEP. Barra minn hekk, żewġ suġġetti tal-EDF kellhom l-għan li jiżviluppaw prodotti ta' difiża li jgħinu biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet kritiċi għat-teknoloġiji fil-mira.

Barra minn hekk, taħt Orizzont Ewropa, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) f'Novembru 2024 nieda l-ewwel sejħa ddedikata ta' STEP Scale-Up b'baġit ta' EUR 300 miljun fl-2025 (b'apport li jlaħħaq sa EUR 30 miljun għal kull proġett) bi tkabbir proġettat għal EUR 900 miljun matul il-perjodu 2025-2027 (inkluż il-baġit tal-2025); kif ukoll ħames sejñiet li jindirizzaw sfidi rilevanti għal STEP b'baġit totali ta' EUR 250 miljun. Is-Siġilli STEP se jingħataw kemm taħt is-sejħa STEP Scale-Up, kif ukoll taħt is-sejñiet li jindirizzaw sfidi rilevanti għal STEP għal proġetti li jgħaddu mil-limiti ta' evalwazzjoni. Madankollu, din ma hijiex ikkunsidrata għall-ammonti totali ta' finanzjament għall-2024 kontabilizzati f'dan ir-rapport annwali, peress li s-sejñiet għall-proposti ma għalqux f'dik is-sena.

---

<sup>13</sup> L-ambitu tar-rapport annwali tal-2024 ta' STEP ikopri esklużivament is-sejñiet għal proposti rilevanti għal STEP li l-iskadenza għas-sottomissjonijiet tagħhom kienet qabel il-31 ta' Diċembru 2024.

<sup>14</sup> Il-Fond għall-Innovazzjoni huwa ffinanzjat mid-dħul tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emissions Trading System)

<sup>15</sup> Għalhekk is-sejñiet immedija fl-2024 b'għeluq fl-2025 ma humiex ikkunsidrati f'dan ir-Rapport Annwali

**TABELLA 1: Sommarju tas-sejħiet għal proposti rilevanti għal STEP tal-2024 fit-tliet setturi ta' STEP fil-programmi rilevanti għal STEP f'ġestjoni diretta (f'EUR miljun)**

Settur	Programm	Suġġett tas-sejħa għal proposti	Baġit (f'EUR miljun)	Miftuħa	Magħluqa
Teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi	Il-Fond għall-Innovazzjoni	Dekarbonizzazzjoni ġenerali - Proġetti fuq Skala Kbira	EUR 1 700	Nov '23	Apr '24
		Dekarbonizzazzjoni ġenerali - Proġetti fuq Skala Medja	EUR 500	Nov '23	Apr '24
		Dekarbonizzazzjoni ġenerali - Proġetti fuq Skala Żgħira	EUR 200	Nov '23	Apr '24
		Manifattura ta' teknoloġija nadifa	EUR 1 400	Nov '23	Apr '24
		Proġetti pilota	EUR 200	Nov '23	Apr '24
	Fond Ewropew għad-Difiża	Sistemi indipendenti mill-enerġija u effiċjenti fl-użu tal-enerġija għall-kampijiet militari	EUR 40	Ġun '24	Nov '24
<b>Total tat-Teknoloġija nadifa</b>	<b>EUR 4 040</b>				
Teknoloġiji diġitali	Orizzont Ewropa	Studju tal-Faзи-B tal-Gravimetrija Spazjali Kwantistika u Maturazzjoni tat-Teknoloġija	EUR 14	Nov '23	Apr '24
		Teknoloġiji spazjali għan-nondipendenza u l-kompetittività Ewropea	EUR 20	Nov '23	Apr '24
	Programm Ewropa Diġitali	Isir disponibbli mudell bażi Ewropew b'sors miftuħ ta' prestazzjoni għolja għall-irfinar	EUR 25	Fra '24	Mej '24
		Implimentazzjoni ta' referenza ta' servizzi Ewropej ta' cloud periferika (żviluppi industrijali tal-IoT Edge u tat-Telco Edge)	EUR 30	Fra '24	Mej '24
		Programmi ta' Edukazzjoni Speċjalizzata f'Oqsma ta' Kapaċità Ewlenin	EUR 55	Lul '24	Nov '24
	Fond Ewropew għad-Difiża	Sistemi ta' inġenji tal-ajru tal-ġlied kollaborattivi mingħajr bdot abbord (U-CCA, Unmanned collaborative combat aircraft)	EUR 15	Ġun '24	Nov '24
		Komunikazzjonijiet taħt l-ilma siguri u adattivi għall-UUSs	EUR 24	Ġun '24	Nov '24
		Metodi biex jitnaqqsu d-distakki fir-realtà	EUR 15	Ġun '24	Nov '24

		Komponenti elettroniċi	EUR 25	Ġun '24	Nov '24
		Teknoloġiji kwantistiċi	EUR 24	Ġun '24	Nov '24
		Apertura u riċetrazmettitori multifunzjonali bbażati fuq l-IA	EUR 45	Ġun '24	Nov '24
		Standard ta' komunikazzjoni multidimensjonali tad-difiża	EUR 25	Ġun '24	Nov '24
		UAS Ewropea msafha żgħira	EUR 11	Ġun '24	Nov '24
		Medda Ċibernetika Kooperattiva tal-Ġenerazzjoni li Jmiss	EUR 48	Ġun '24	Nov '24
		Forma tal-mewġa sigura għall-komunikazzjonijiet bis-satellita	EUR 25	Ġun '24	Nov '24
		Sistemi tal-art b'diversi użi u mingħajr bdot abbord	EUR 50	Ġun '24	Nov '24
		Simulazzjoni u taħriġ għal emerġenzi mediċi	EUR 10	Ġun '24	Nov '24
<b>Total tat-teknoloġija diġitali</b>	<b>461</b>				
<b>II- bijoteknoloġija</b>	<b>L-UE għas-Saħħa</b>	Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tal-Vaċċini (EVH, European Vaccines Development Hub)	EUR 102	Mej '24	Set '24
		Sejħa għal proposti biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' antivirali ġodda	EUR 10	Mej '24	Set '24
		Sejħa għal proposti biex jiġu appoġġati teknoloġiji u proċessi innovattivi ta' manifattura fl-Unjoni għall-produzzjoni tal-mediċini	EUR 17	Mej '24	Set '24
	<b>Fond Ewropew għad-Difiża</b>	Alleanza għal kontromiżuri mediċi tad-difiża – Azzjonijiet ta' riċerka	EUR 15		
		Alleanza għal kontromiżuri mediċi tad-difiża – Azzjonijiet ta' żvilupp	EUR 10		
<b>Total tal-bijoteknoloġija</b>	<b>EUR 154</b>				
<b>Total ġenerali</b>			<b>EUR 465</b>		

Sors: Rapportar tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea.

Sa tmiem l-2024<sup>16</sup>, l-applikazzjonijiet għas-suġġetti tal-Fond Ewropew għad-Difiża u tal-programm Ewropa Diġitali<sup>17</sup> kienu għadhom ma ġewx evalwati. Is-suġġetti l-oħra kollha ġew evalwati, u dan irriżulta f'**EUR 4,9 biljun**<sup>18</sup> ta' **finanzjament mogħti**.

It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu diżaggregazzjoni dettaljata tal-impatt ta' STEP fit-tliet setturi tat-teknoloġija ta' STEP u inkluż fl-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE. L-analiżi reġjonali ssegwi l-**klassifikazzjoni statistika NUTS2** (NUTS 2024, Eurostat).

### 2.2.1. Xprunar tal-innovazzjoni nadifa

It-tranżizzjoni lejn **teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi** hija fil-qalba tal-istrategġija industrijali u klimatika tal-Ewropa, li fuqha huma bbażati l-isforzi tal-UE biex tikseb in-newtralità klimatika sal-2050 taħt il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Din kienet riflessa aktar reċentement fil-Patt tal-UE għal Industrija Nadifa<sup>19</sup>.

Ir-Regolament STEP irrikonoxxa dan is-settur bħala prijorità strateġika, filwaqt li allinja mal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (NZIA, Net-Zero Industry Act)<sup>20</sup>, li għandu l-għan li jżid il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa ewlenin fl-Ewropa biex jiżgura s-sovranità teknoloġika u jnaqqas id-dipendenza fuq fornituri esterni. Fi kliem ieħor, l-investimenti f'dawn it-teknoloġiji huma kritiċi mhux biss għat-tnaqqis tal-emissjonijiet iżda wkoll għat-tisħiħ tal-kompetittività industrijali u l-iżgurar tal-indipendenza enerġetika tal-UE.

It-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi jinkludu firxa wiesgħa ta' innovazzjonijiet, minn **teknoloġiji rinnovabbli għal fjuwils sostenibbli, qbid tal-karbonju, u teknoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni**<sup>21</sup>.

---

<sup>16</sup> Ir-Rapport Annwali tal-2024 ikopri s-sejthiet għal proposti magħluqa sal-31 ta' Diċembru 2024, irrispettivament minn jekk ir-riżultati tħabbrux sal-aħħar tas-sena.

<sup>17</sup> Sa Marzu 2025, l-evalwazzjoni ġiet konkluża taħt it-tliet suġġetti tal-Programm Ewropa Diġitali u ngħataw 17-il Siġill STEP. Dawn se jiġu rrapportati fir-Rapport Annwali tal-2025.

<sup>18</sup> Dan l-ammont jikkorrispondi għall-ammont totali mogħti lill-proġetti magħżula għall-finanzjament taħt il-Fond għall-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa u l-programm l-UE għas-Saħħa. Dan jista' jiġi aġġustat mal-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Għotja, li jistgħu jimmodifikaw il-kontribuzzjonijiet individwali u ma jistgħux jiġu rikonċiljati mal-EUR 4,6 biljun tal-paragrafu introdutturju li jirreferi għall-baġit allokat (vs. il-finanzjament mogħti) taħt is-sejthiet ta' STEP magħluqa fl-2024 taħt il-ħames programmi ġestiti direttament fil-mandat ta' STEP.

<sup>19</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM/2025/85, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni, 2025, disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0085>

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724, disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj>

<sup>21</sup> Lista dettaljata iżda mhux eżawrjenti ta' teknoloġiji koperti mir-Regolament STEP hija disponibbli fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C/2024/3248, Nota ta' Gwida dwar ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/795 li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), 2024, disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/3209/oj>

Il-Fond għall-Innovazzjoni, iffinanzjat mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS, EU Emissions Trading System), kien bil-bosta l-akbar kontributor għall-oġettivi ta' STEP fost il-programmi ġestiti direttament mill-Kummissjoni. L-ewwel sejħa allinjata ma' STEP taħt il-Fond għall-Innovazzjoni għalqet f'April 2024. Din allokata baġit sinifikanti ta' EUR 4 biljun biex tappoġġa l-avvanzi fit-teknoloġija nadifa.

Strutturati f'fames suġġetti bbażati fuq ir-rekwiżiti tan-nefqa kapitali (CAPEX, capital expenditure) u l-fokus teknoloġiku, is-sejħiet kienu jkopru oqsma bħad-dekarbonizzazzjoni ġenerali, il-manifattura ta' teknoloġija nadifa, u l-proġetti pilota. B'hal fis-sejħiet kollha tal-Fond għall-Innovazzjoni, il-proġetti ġew evalwati abbażi tal-potenzjal ta' tnaqqis tal-gassijiet serra, il-livell ta' innovazzjoni, il-maturità, ir-replikabbiltà, u l-kosteffiċjenza — filwaqt li jiġi żgurat proċess rigoruż tal-għażla.

Ġie allokata appoġġ finanzjarju sostanzjali għall-proġetti magħżula għall-finanzjament taħt dawn is-sejħiet. B'kollox, **intgħażlu minn qabel 85 proġett għal appoġġ finanzjarju globali mogħti ta' EUR 4,8 biljun**<sup>22</sup>, b'għotjiet li kienu jkopru sa 60 % tal-infiq kemm kapitali kif ukoll operatorju inkluż fid-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti, u b'hekk tħalla biżżejjed spazju għal riżorsi finanzjarji oħra biex ikopru l-porzjon mhux iffinanzjat tal-kostijiet eliġibbli. Fost dawn il-proġetti nistgħu nsibu l-iżvilupp ta' teknoloġija li hija l-ewwel tat-tip tagħha għall-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi u materjali ta' elementi importanti mill-iskart tal-bijomassa (L1X) fis-Slovakkja, l-ewwel ħżin tal-enerġija termali ta' tank taħt l-art fuq skala kbira ta' 20 megawatt (ScaleUp) fl-Awstrija u ħżin permanenti taħt l-art tad-dijossidu tal-karbonju (Greensand Future) fid-Danimarka<sup>23</sup>.


Tliet inizjattivi transfruntiera u b'diversi benefiċjarji ngħataw ukoll finanzjament għal total ta' EUR 150,6 miljun. Eżempju wieħed minn dawn huwa Energy Observer 2, proġett li qed isir bejn Franza u n-Netherlands li jipprevedi l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-ewwel vapur tal-merkanzija li jaħdem bl-idroġenu likwidu fid-dinja.

#### **ILLUSTRAZZJONI 4: Tqassim ġeografiku tal-għotjiet mogħtija fis-settur tat-teknoloġija nadifa fl-2024 minn programmi ta' finanzjament tal-UE rilevanti għal STEP**

---

<sup>22</sup> Dawn iċ-ċifri jagħtu stampa tar-riżultati tas-sejħa/sejħiet għal proposti rilevanti. L-iffirmar sussegwenti tal-ftehimiet ta' għotja bejn il-promoturi tal-proġetti u l-Kummissjoni jista' jirriżulta f'aġġustamenti kemm fl-għadd ta' proġetti li jingħataw għotja kif ukoll fil-kontribuzzjonijiet individwali.

<sup>23</sup> Aktar dettalji dwar għadd magħżul ta' proġetti aġġudikati huma disponibbli fuq: [https://strategic-technologies.europa.eu/step-documents\\_en](https://strategic-technologies.europa.eu/step-documents_en)



Sors: Rapportar tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea.

L-entitajiet stabbiliti fil-Ġermanja u fil-Belġju kienu bil-bosta l-akbar riċevituri ta' għotjiet relatati ma' STEP f'dan is-settur, fejn irċewew EUR 661 miljun u EUR 604 miljun, rispettivament. Dawn kienu segwiti minn Franza (EUR 530 miljun), Spanja (EUR 480 miljun), u d-Danimarka (EUR 417-il miljun)<sup>24</sup>.

## 2.2.2. Aċċellerazzjoni tal-innovazzjonijiet diġitali u tat-teknoloġija profonda

It-teknoloġiji diġitali u profondi għandhom rwol kruċjali fl-avanz tas-sovranità teknoloġika u r-reżiljenza diġitali tal-Ewropa. Dan is-settur jinkludi spettru wiesa' ta' innovazzjonijiet mill-aktar avvanzati, inklużi **l-computing avvanzat, l-intelliġenza artifiċjali (IA), iċ-ċibersigurtà, il-mikroelettronika, u t-teknoloġiji kwantistiċi**<sup>25</sup> — li kollha huma fundamentali għall-Programm

<sup>24</sup> Taħt is-Siġilli STEP tal-Fond għall-Innovazzjoni, għal proġetti b'diversi benefiċjarji li jinsabu f'aktar minn reġjun wieħed, l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija lir-reġjun/Stat Membru speċifiku jiġi kkalkulat billi l-kontribuzzjoni totali għall-proġett tinqasam b'mod ugwali bejn il-postijiet tiegħu.

<sup>25</sup> Lista dettaljata iżda mhux eżawrjenti ta' teknoloġiji koperti mir-Regolament STEP hija disponibbli fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C/2024/3209, Nota ta' Gwida dwar ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/795 li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), 2024, disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/3209/oj>

ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali<sup>26</sup> tal-UE, li għandu l-għan li jtejjeb l-infrastruttura diġitali, il-ħiliet u t-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa.

Filwaqt li għet rikonoxxuta l-importanza strateġika ta' dawn it-teknoloġiji, l-appoġġ ta' STEP fl-2024 għe indirizzat permezz ta' żewġ suġġetti taħt Orizzont Ewropa, tliet suġġetti taħt il-programm Ewropa Diġitali, u tnax-il suġġett taħt il-Fond Ewropew għad-Difiża. B'kollox, fl-2024 **għe allokati** baġit ta' **EUR 461 miljun** għal azzjonijiet rilevanti għal STEP fis-settur tat-teknoloġiji diġitali.

Sa tmiem l-2024, intgħażlu sitt proġetti għall-finanzjament taħt is-sejħiet imsemmija hawn fuq ta' Orizzont Ewropa<sup>27</sup>, u ngħataw għotja li kienet tkopri 100 % tal-kostijiet eliġibbli tagħhom. L-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet għall-programm Ewropa Diġitali u għall-Fond Ewropew għad-Difiża għadha għaddejja.


B'kollox, għew allokati EUR 18,2 miljun għal dawn il-proġetti taħt is-suġġetti bit-tikketta STEP fi ħdan il-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa, ir-Raggruppament 4 ("Diġitali, Industrija u Spazju"). Dawn il-proġetti kollha għew promossi minn konsorzji bejn il-pajjiżi stabbiliti madwar l-Istati Membri tal-UE – bin-Norveġja u l-Iżlanda jkunu wkoll eliġibbli.

## **ILLUSTRAZZJONI 5: Tqassim ġeografiku tal-għotjiet mogħtija fis-settur tat-teknoloġija diġitali fl-2024 minn programmi ta' finanzjament tal-UE rilevanti għal STEP**

---

<sup>26</sup> [ID-DEĊIŻJONI \(UE\) 2022/2481 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali](#)

<sup>27</sup> Sa tmiem l-2024, is-6 proġetti ntgħażlu għall-finanzjament taħt is-suġġett "Teknoloġiji spazjali għan-nondipendenza u l-kompetittività Ewropea". L-għoti ta' għotja għall-proġett magħżul taħt it-tieni suġġett għe pospost minħabba l-irtirar ta' sieħeb ewlieni fil-konsorzju. L-iffirmar tal-għotja għall-proġett magħżul taħt dan it-tieni suġġett/sejħa huwa mistenni fit-tieni trimestru tal-2025.



Sors: Rapportar tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea.

Fil-livell nazzjonali, l-entitajiet minn Franza u mill-Ġermanja ħarġu bħala l-akbar riċevituri ta' għotjiet relatati ma' STEP f'dan il-qasam, fejn irċevew EUR 9,6 miljun u EUR 4,4 miljun, rispettivament. Dawn kienu segwiti minn Spanja (EUR 1,5 miljun) u l-Belġju (EUR 0,8 miljun)<sup>28</sup>.

Eżempji ta' proġetti jinkludu PUMA, kollaborazzjoni bejn promoturi Franċiżi, Ġermaniżi u Taljani li tindirizza d-dipendenzi strateġiċi tal-UE fil-qasam tal-mikroelettronika għall-applikazzjonijiet spazjali u SPACELINK, fejn entitajiet mill-Greċja, il-Ġermanja, Franza u l-Belġju se jiżviluppaw b'mod kollaborattiv komponenti għal komunikazzjonijiet ottiċi ta' grad spazjali<sup>29</sup>.

### 2.2.3. Għoti tas-setgħa lill-bijoteknoloġiji

Il-bijoteknoloġiji għandhom rwol kruċjali fl-avvanz tal-innovazzjoni medika, fit-tisħiħ tar-reżiljenza tas-saħħa, u fit-trawwim tal-awtonomija strateġika tal-Ewropa fil-provvisti mediċi kritiċi. Dan is-settur ikopri spettru wiesa' ta' oqsma mill-aktar avvanzati, inklużi **l-ġenomika u l-farmakoġenomika, is-sinteżi tad-DNA, l-ingerinija taċ-ċelloli u tat-tessuti, il-bijoinformatika, u n-nanobijoteknoloġiji**. Il-fokus ta' STEP fuq il-bijoteknoloġiji għandu l-għan li jaċċellera l-innovazzjoni, jiżgura s-sigurtà tal-provvista, u jsaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa fix-xjenzi tal-ħajja.

<sup>28</sup> Għall-proġetti li jinsabu f'aktar minn post wieħed, l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija lir-Reġjun/Stat Membru speċifiku jiġi kkalkulat abbażi tal-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija lill-entità jew entitajiet stabbiliti hemmhekk.

<sup>29</sup> Aktar dettalji dwar għadd magħżul ta' proġetti aġġudikati huma disponibbli fuq: [https://strategic-technologies.europa.eu/step-documents\\_en](https://strategic-technologies.europa.eu/step-documents_en)

L-appoġġ ta' STEP għall-bijoteknoloġiji mmaterjalizza fl-2024 permezz ta' tliet suġġetti ddedikati rilevanti għal STEP taħt il-**programm I-UE għas-Saħħa** u tnejn taħt il- **Fond Ewropew għad-Difiża**. Dawn is-suġġetti allokaw baġit ta' aktar minn **EUR 150 miljun** biex jappoġġaw proġetti ffukati fuq l-iżvilupp tal-antivirali, il-produzzjoni tal-vaċċini, il-manifattura ta' mediċini essenzjali kif ukoll għall-kontromiżuri mediċi tad-difiża. Dawn l-investimenti għandhom l-għan li jtejjbu l-preparatezza tal-Ewropa għal kriżijiet futuri tas-saħħa, inaqqsu d-dipendenza fuq fornituri esterni, u jixprunaw il-ġenerazzjoni li jmiss ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji bijomediċi.


Sa trnem l-2024, ġew evalwati biss is-sottomissjonijiet għas-suġġetti tal-programm I-UE għas-Saħħa u r-riżultati ġew ikkomunikati b'total ta' madwar **EUR 130 miljun** mogħtija taħt is-sejtnet rilevanti għal STEP. Seba' proġetti ngħataw għotja, li tkopri bejn 60 % u 80 % tal-kostijiet eliġibbli tagħhom. Erbgħa mill-proġetti appoġġati huma inizjattivi b'diversi benefiċjarji bi tlieta jitwettqu minn konsorzji bejn il-pajjiżi – entitajiet minn pajjiżi terzi assoċjati<sup>30</sup> huma wkoll eliġibbli. Dawn jinkludu l-iżvilupp, fil-Portugall, ta' proċess kontinwu ta' tnixxif farmaċewtiku bl-atomizzazzjoni li se jtejjeb l-effiċjenza, l-iskalabbiltà u l-flessibbiltà tal-manifattura farmaċewtika fl-UE (PharmSD 3.0) u pjattaforma għall-manifattura farmaċewtika xprunata mill-IA u r-robotika b'kollaborazzjoni bejn entitajiet stabbiliti fil-Finlandja, l-Iżvezja, Franza, l-Estonja u l-Ġermanja (RoboPharma)<sup>31</sup>.

---

<sup>30</sup> Ara l-[Lista ta' Pajjiżi Parteċipanti fil-Programm I-UE għas-Saħħa](#)

<sup>31</sup> Aktar dettalji dwar għadd magħżul ta' proġetti aġġudikati huma disponibbli fuq: [https://strategic-technologies.europa.eu/step-documents\\_en](https://strategic-technologies.europa.eu/step-documents_en)

## ILLUSTRAZZJONI 6: Tqassim ġeografiku tal-għotjiet mogħtija fis-settur tal-bijoteknoloġiji fl-2024 minn programmi ta' finanzjament tal-UE rilevanti għal STEP



Sors: Rapportar tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea.

L-entitajiet mill-Ġermanja u mill-Italja ħarġu bħala l-akbar benefiċjarji, fejn irċewew EUR 47 miljun u EUR 34 miljun, rispettivament. Segwiet Franza, li ħadet EUR 19-il miljun f'għotjiet<sup>32</sup>.

### 2.3. Fondi tal-politika ta' koeżjoni

**Il-politika ta' koeżjoni wriet li hija waħda mill-kontributori ewlenin biex jintlaħqu l-oġettivi ta' STEP** u biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea. Il-flessibbiltajiet u l-inċentivi ewlenin introdotti minn STEP għall-politika ta' koeżjoni kienu jinkludu l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati investimenti produttivi f'intrapriżi li ma humiex SMEs taħt il-prijoritajiet iddedikati ta'

<sup>32</sup> Għall-proġetti li jinsabu f'aktar minn post wieħed, l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija lir-Reġjun/Stat Membru speċifiku jiġi kkalkulat abbażi tal-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija lill-entità jew entitajiet stabbiliti hemmhekk.

STEP tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, **rati ogħla ta' kofinanzjament sa 100 % fil-livell tal-prijorità ddedikata għal STEP u 30 % tal-allokkazzjoni għall-prijoritajiet ta' STEP imħallsa mill-baġit tal-UE bħala prefinanzjament ta' darba ta' 30 %.**

Biex tindirizza l-interess qawwi mill-Istati Membri, f'April 2024, ftit wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament STEP, il-Kummissjoni Ewropea organizzat seminar tekniku<sup>33</sup>, maħsub prinċipalment għall-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, biex tiċċara kif STEP għandha tiġi implimentata taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni u biex tippovdi gwida dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP.

Il-Kummissjoni rċeviet l-ewwel mewġa ta' sottomissjonijiet ta' talbiet għal emendi tal-programmi sal-31 ta' Awwissu 2024, u allokat fondi għall-investimenti ta' STEP qabel ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Minn dak iż-żmien, qed isiru konsultazzjonijiet informali addizzjonali ma' għadd ta' Stati Membri, li bosta minnhom jirriżultaw f'talbiet formali għal emendi tal-programmi.

Sal-aħħar ta' Diċembru 2024, **kienu sottomessi 41 emenda STEP minn 6 Stati Membri** għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, li jammontaw għal **EUR 6,4 biljun ta' fondi tal-politika ta' koeżjoni**. Huma mistennija emendi addizzjonali matul l-2025.

It-tqassim huwa kif ġej:

- EUR 4,8 biljun taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
- EUR 838 miljun taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)
- EUR 764 miljun taħt il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund)

---

<sup>33</sup> Inforegio - 2021-2027 Seminars tekniċi, disponibbli fuq: [https://ec.europa.eu/regional\\_policy/2021-2027/technical-seminars/step\\_en](https://ec.europa.eu/regional_policy/2021-2027/technical-seminars/step_en)

### 2.3.1. Analiżi tal-użu ta' STEP fil-politika ta' koeżjoni

Sal-31 ta' Diċembru 2024, 29 emenda STEP li jammontaw għal kważi EUR 5,9 biljun ġew approvati mill-Kummissjoni Ewropea f'sitt Stati Membri (ara t-Tabella 2 u l-Illustrazzjoni 7 hawn taħt).


**TABELLA 2: Ħarsa ġenerali lejn l-allokkazzjonijiet ta' finanzjament fl-2024 (f'EUR miljun)**

SM	Titolu	FEŻR (EUR miljun)	JTF (EUR miljun)	FSE+ (EUR miljun)	Total (EUR miljun)
DE	Programm Plurifond FEŻR/JTF 2021-2027 ta' Nordrhein-Westfalen	200,20	301,60		501,8
DE	Programm FEŻR 2021-2027 ta' Baden-Württemberg	62,22			62,2
DK	Teknoloġiji u Filit Ekoloġiċi għal Tranżizzjoni Ġusta		52,30		52,3
ES	Programm FEŻR 2021-2027 tal-Katalonja	113,51			113,5
DE	Programm FEŻR 2021-2027 tal-Bavarja	104,54			104,5
DE	Programm FEŻR 2021-2027 ta' Schleswig-Holstein	47,00			47,0
IT	RP FEŻR 2021-2027 tal-Lazio	109,04			109,0
IT	FEŻR 2021-2027 ta' Sqallija	615,20			615,2
IT	RP FEŻR 2021-2027 ta' Sardenja	166,01			166,0
ES	Programm FEŻR 2021-2027 tal-Cantabria	15,53			15,5
IT	RP FEŻR 2021-2027 tal-Lombardia	120,00			120,0
FR	Programm FEŻR-FSE+-JTF 2021-2027 ta' Hauts de France			34,87	34,9
IT	RP FEŻR 2021-2027 tal-Campania	581,14			581,1
DE	Programm FEŻR 2021-2027 ta' Mecklenburg-Vorpommern	138,69			138,7
ES	Programm FEŻR 2021-2027 tal-Komunità ta' Madrid	72,67			72,7
IT	RP FEŻR FSE+ 2021-2027 tal-Calabria	264,45			264,5
IT	RP FEŻR FSE+ 2021-2027 tal-Puglia	471,53			471,5
ES	Programm FEŻR 2021-2027 ta' Aragona	23,44			23,4
RO	Saħħa	351,77		114,44	466,2
IT	RP FEŻR 2021-2027 tal-Emilia-Romagna	61,46			61,5
IT	NP Riċerka, innovazzjoni u kompetittività għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali 2021-2027	558,46			558,5
IT	RP FEŻR 2021-2027 tal-Umbria	31,42			31,4
RO	Tkabbir intelliġenti, diġitalizzazzjoni u strumenti finanzjarji	271,01			271,0
RO	Tranżizzjoni Ġusta		266,33		266,3
FR	Programm reġjonali FEŻR-FSE+ 2021-2027 tal-Île-de-France u l-baċir tax-xmara Seine	35,19		12,48	47,7
DE	Bayern - FSE+			36,92	36,9
ES	Cantabria - FSE+			3,17	3,2
ES	Madrid - FSE+			63,82	63,8
RO	Edukazzjoni u Impjiegi – RO – FSE+			572,63	572,6

<b>Total</b>	<b>29</b>	<b>4 414,5</b>	<b>620,2</b>	<b>838,3</b>	<b>5 873,0</b>
--------------	-----------	----------------	--------------	--------------	----------------

Sors: Rapportar mill-Istati Membri.

### ILLUSTRAZZJONI 7: Allokazzjonijiet totali ta' STEP fil-programmi adottati fl-2024 (f'EUR miljun)




Sors: Rapportar mill-Istati Membri.

## Distribuzzjoni ġeografika tal-investimenti ta' STEP

Il-maġġoranza tal-investimenti rilevanti għal STEP ġew proposti mill-programmi reġjonali fi Franza, il-Ġermanja, l-Italja u Spanja (ara l-illustrazzjoni ta' hawn taħt - li jirrappreżentaw 23 mid-29 programm adottat, b'allokazzjonijiet STEP b'valur ta' EUR 3,7 biljun (EUR 3,23 biljun FEŻR, EUR 151 miljun FSE+ u EUR 302 miljun JTF). Is-sitt programmi nazzjonali l-oħra kienu jinkludu emendi b'valur ta' EUR 2,2 biljun (EUR 1,18 biljun FEŻR, EUR 687 miljun FSE+ u EUR 319-il miljun JTF).


## ILLUSTRAZZJONI 8: Pożizzjoni ġeografika tal-programmi adottati fl-2024



\* integrazzjoni ta' STEP/prijorità ta' STEP mhijiex inklużi

Sors: Rapportar mill-Istati Membri.

**ILLUSTRAZZJONI 9: Volum finanzjarju tal-emendi ta' STEP għal kull Stat Membru fl-2024 (ippreżentat vs. adottat, jonqos skont l-ammont)<sup>34</sup> (f'EUR miljun)**




Sors: Rapportar mill-Istati Membri.

Fir-rigward tal-FEŻR u l-FSE+, aktar minn żewġ terzi tal-allokkazzjonijiet ta' STEP ġew riprogrammati taħt ir-reġjuni inqas żviluppatti<sup>35</sup>.

<sup>34</sup> Għal programmi biss bi prijoritajiet iddedikati jew ammonti magħrufa ddedikati għal STEP abbażi tal-allokkazzjonijiet tal-oqsma ta' intervent.

<sup>35</sup> "Reġjuni inqas żviluppatti", skont ir-Regolament (UE) 2021/1060 huma r-reġjuni tal-Istati Membri tal-UE li l-Prodott Domestiku Gross (PDG) *per capita* tagħhom huwa inqas minn 75 % tal-PDG medju tas-27 Stat Membru tal-UE.

## ILLUSTRAZZJONI 10: Volumi finanzjarji tal-allokkazzjonijiet ta' STEP taħt il-FEŻR u l-FSE+ għal kull kategorija ta' reġjun fl-2024 (f'EUR miljun)




Sors: Rapportar mill-Istati Membri.

### Distribuzzjoni settorjali tal-investimenti ta' STEP

Il-politika ta' koeżjoni, taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, għandha l-għan li tappoġġa Ewropa aktar intelliġenti, aktar ekoloġika, aktar konnessa, aktar soċjali u inklużiva eqreb taċ-ċittadini. Taħt dawn l-objettivi ta' politika ewlenin, hemm *objettivi speċifiċi* aktar dettaljati (ara l-[Portal tad-Data Miftuħa għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej - Il-Kummissjoni Ewropea | Data Miftuħa dwar il-Koeżjoni](#)). Ir-**Regolament STEP** introduċa **żewġ objettivi speċifiċi ġodda taħt il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni (FK)**, biex jiġu appoġġati investimenti mmirati lejn it-tiżni tal-iżvilupp industrijali u t-tiżni tal-ktajjen tal-valur f'setturi strateġiċi.

Aktar minn **60 %** tal-investimenti STEP taħt il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni se jiġu implimentati taħt l-**objettiv speċifiku l-ġdid taħt l-objettiv ta' politika "Ewropa Aktar Intelliġenti"**, segwiti minn madwar **15 % għal teknoloġiji nodfa fl-objettiv ta' politika "Ewropa Aktar Ekoloġika"**. L-FSE+ se jappoġġa l-ħiliet permezz ta' miżuri ta' tagħlim tul il-ħajja u ta' impjeg b'14 % tal-investimenti STEP taħt l-objettiv ta' politika "Ewropa Soċjali". Fl-aħħar nett, 10 % tal-investimenti STEP se jsiru fir-reġjuni ta' tranżizzjoni ġusta taħt l-objettiv speċifiku tal-JTF (ara l-Illustrazzjoni 11).

**ILLUSTRAZZJONI 11: Volum finanzjarju tal-emendi ta' STEP skont l-oġġettiv ta' politika u l-oġġettiv speċifiku fl-2024\* (f'EUR miljun)**




Sors: Rapportar mill-Istati Membri.

\*għal programmi biss bi prijoritajiet iddedikati

L-investimenti produttivi jirrappreżentaw madwar 60 % tal-ammonti pjanati taħt STEP. L-investimenti fl-iżvilupp tal-ħiliet u fir-riċerka u l-innovazzjoni jammontaw għal 15 % tal-allokazzjoni. Madwar 10 % se jappoġġaw attivitajiet oħra, bħat-trasferiment tat-teknoloġija, l-appoġġ għall-inkubazzjoni tan-negozji, l-ispin-offs u l-istart-ups, kif ukoll servizzi marbuta mal-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima (ara l-Illustrazzjoni 12).

## ILLUSTRAZZJONI 12: Volum finanzjarju tal-emendi ta' STEP skont is-settur fl-2024\* (f'EUR miljun)




Sors: Rapportar mill-Istati Membri.

\*(għal programmi biss bi prijoritajiet iddedikati jew ammonti magħrufa ddedikati għal STEP)

Jekk wieħed iħares lejn it-tqassim tal-investimenti produttivi għal kull settur ta' STEP, l-investimenti huma pjuttost maqsumin b'mod ugwali (ara l-Illustrazzjoni 13). Il-biċċa l-kbira tal-allokkazzjoni ġiet attribwita għal investimenti produttivi f'intrapriżi li ma humiex SMEs, bl-użu tal-possibbiltà li dawn l-intrapriżi jiġu ffinanzjati taħt il-FEŻR għal proġetti relatati ma' STEP.

### ILLUSTRAZZJONI 13: Investimenti produttivi skont it-tip ta' intrapriża u s-settur ta' STEP fil-prijoritajiet tal-2024\* (f'EUR miljun)



Sors: Rapportar mill-Istati Membri.

\*(għal programmi biss bi prijoritajiet iddedikati jew ammonti magħrufa ddedikati għal STEP)

#### Il-kisbiet ewlenin mistennija tal-investimenti ta' STEP

Abbażi tal-indikaturi ewlenin tal-output u tar-riżultati li l-Istati Membri għażlu fil-programmi emendati, u f'konformità mal-oġġettivi ta' STEP, jista' jiġi dedott li r-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni se jikkofinanzjaw teknoloġġi strateġiċi rilevanti għal STEP f'ħafna intrapriżi. Huma mistennija investimenti f'madwar 7 200 intrapriża b'kolloxx fi 23 mill-programmi adottati, 2 900 minnhom fis-settur tat-teknoloġġi diġitali, 3 000 fis-settur nadif u kważi 570 fis-settur tal-bijoteknoloġġija. L-investimenti ppjanati huma mistennija li joħolqu 9 800 impjeg fl-entitajiet appoġġati.

### 2.3.2. Sejħiet għal proposti taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni

Wara l-approvazzjoni tal-ewwel emendi tal-programmi STEP, id-Danimarka u l-Ġermanja rrapportaw erba' sejħiet ta' STEP<sup>36</sup> sa tmiem l-2024 li kienu jammontaw għal EUR 244 miljun<sup>37</sup>.

**Tabella 3: Ħarsa ġenerali lejn il-programmi tal-politika ta' koeżjoni fl-2024**

SM	Titlu tal-Programm	Ammont totali f'EUR miljun	Status fil-31 ta' Diċembru 2024
DK	Teknoloġiji u Ffiliet Ekoloġiċi għal Tranżizzjoni Ġusta	45,5	Ikkompletat
DE	Programm FEŻR 2021-2027 tal-Bavarja	47,0	Għadu għaddej (skadenza fil-31 ta' Jannar 2025)
	Programm FEŻR 2021-2027 ta' Schleswig-Holstein	11,4	Għadu għaddej (skadenza fil-31 ta' Awwissu 2025)
	Programm Plurifond FEŻR/JTF 2021-2027 ta' Nordrhein-Westfalen	140,0	Għadu għaddej (skadenza fit-3 ta' Frar 2025)
<b>Total</b>		<b>243,9</b>	

Sors: Rapportar mill-Istati Membri.

### 2.3.3. Proġetti magħżula

Erba' Stati Membri (id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, u l-Italja) diġà għażlu proġetti taħt STEP, inklużi:

Fid-**Danimarka**, wara s-sejħa Daniża "Żvilupp ta' ktajjen tal-valur fi ħdan Power-to-X", bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> f'setturi diffiċli għat-tranżizzjoni, li tistabbilixxi suq Daniż kompetittiv għall-idroġenu ekoloġiku u s-soluzzjonijiet PtX (baġit ta' EUR 13-il miljun), intgħażlu erba' proġetti. Dawn jinkludu HYFLEX (Fżin Flessibbli tal-Idroġenu għall-Power-to-X u Ottimizzazzjoni tal-Grilja), li jimmira li jstabbilixxi fżin tal-idroġenu u kompressuri tal-idroġenu assoċjati b'kapaċità ta' fżin ta' 10 tunnelli (500 MWh) u jottimizza l-operat tal-impjant PtX billi juri grad ogħla ta' utilizzazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija mill-Park Solari Kassø, kif ukoll jiżgura bilanċ ottimali tal-impjant fir-rigward tal-grilja tal-elettriku pubblika. Ara l-lista ta' operazzjonijiet magħżula [hawnhekk](#).

F'ile-de-France (**Franza**), ġie stabbilit strument finanzjarju mill-awtorità ta' ġestjoni biex jappoġġa l-start-ups industrijali u l-SMEs innovattivi b'potenzjal ekonomiku għoli, fis-settur tat-teknoloġija nadifa, fil-fażi ta' qabel l-industrijalizzazzjoni u l-espansjoni tagħhom. Ara l-lista ta' operazzjonijiet magħżula [hawnhekk](#).

Fir-rigward ta' **Baden-Württemberg (il-Ġermanja)**, intgħażlu erba' proġetti mill-awtorità ta' ġestjoni, inkluż wieħed dwar l-istabbiliment ta' infrastruttura ta' mikroproduzzjoni u verifika għall-iżvilupp ta' "sistemi kwantistiċi kompatti" (kost totali ta' EUR 5 miljun, EUR 3 miljun mill-FEŻR). Qed jiġi stabbilit cluster teknoloġiku għall-produzzjoni u l-verifika ta' sistemi kwantistiċi fl-Istitut tat-

<sup>36</sup> Il-Ġermanja nediet ħames sejħiet oħra, mhux kompletament iddedikati għal STEP, li jistgħu jirriżultaw fi proġetti ta' STEP.

<sup>37</sup> Il-Ġermanja, l-Italja u l-Latvja rrapportaw aktar sejħiet fil-bidu tal-2025.

Teknoloġġi Kwantistiċi taċ-Ċentru Ajruspazjali Ġermaniż. Il-proġett se jiżviluppa sistemi kwantistiċi kompatti għal applikazzjonijiet spazjali. L-għan huwa li s-sistemi kwantistiċi jiġu trasferiti mir-riċerka u t-tħaddim fil-laboratorju għall-applikazzjoni, pereżempju, bħala sensuri fuq is-satelliti. Ara l-lista ta' operazzjonijiet magħżula [hawnhekk](#).

**Ir-reġjun tal-Umbria (l-Italja)** stabbilixxa strument finanzjarju li għandu l-għan li jappoġġa lill-SMEs biex jinvestu fl-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġġi fl-oqsma tat-teknoloġġi diġitali, profondi u bijoteknoloġġi, u teknoloġġi nodfa u effiċjenti permezz ta' forma mħallta ta' appoġġ (self u għotja sussegwenti fil-forma ta' remissjoni tad-dejn). L-għan huwa li jiġu appoġġati l-SMEs li jsibuha aktar diffiċli biex jaċċessaw il-kreditu biex jinvestu f'innovazzjonijiet teknoloġġi fis-setturi deskritti hawn fuq. Ara l-lista ta' operazzjonijiet magħżula [hawnhekk](#).

## 2.4. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u InvestEU

Sal-31 ta' Diċembru 2024, l-implimentazzjoni ta' **STEP taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kienet limitata**. L-ebda Stat Membru ma emenda l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) tiegħu biex iżid prijorità ta' STEP jew jappoġġa proġetti mogħti s-Siġill STEP. L-ebda Stat Membru ma għamel użu mill-flessibbiltà miżjuda, introdotta mill-Artikolu 19 tar-Regolament STEP<sup>38</sup>, biex jalloka riżorsi tal-RRF lill-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU għal investimenti rilevanti għal STEP, li jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament lil hinn mill-iskadenza tal-RRF ta' Awwissu 2026.

Kif mistenni, ir-reqwiżit li **I-Istati Membri jagħtu prijorità lill-proġetti mogħtija s-Siġill STEP meta jirrevedu l-RRPs tagħhom kien għadu ma ġie implimentat fl-2024 peress li l-ewwel Siġilli STEP ingħataw fl-aħħar nett tas-sena 2024.**

Biex tiffaċilita l-adozzjoni ta' STEP, il-Kummissjoni pprovdiet aktar gwida u appoġġ lill-Istati Membri. F'Lulju 2024, il-Kummissjoni **emendat il-Gwida dwar l-RRF**<sup>39</sup> biex tikkjarifika l-proċess għall-emendar tal-RRPs biex jiġu allokati riżorsi tal-RRF għall-oġġettivi ta' STEP. **Il-Kummissjoni impenjat ruħha b'mod regolari mal-NCPs ta' STEP u mal-awtoritajiet nazzjonali** responsabbli għall-RRPs, biex ixxerred l-informazzjoni inkluż fir-rigward tal-lista ta' Siġilli STEP mogħtija fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.

## 3. GĦODDA 3: Tishiġ tal-viżibbiltà għal proġetti eċċellenti - is-Siġill STEP

Fost l-għodod introdotti mir-Regolament STEP biex jappoġġaw l-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġġi kritiċi, is-Siġill STEP (Sovranità) huwa tikketta ta' kwalità introdotta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament STEP. Dan **jingħata mill-Kummissjoni Ewropea biex jirrikonoxxi proġetti ta' kwalità** fis-suq intern kollu. Dan jingħata fi tmiem il-proċess tal-għażla taħt il-fames programmi ġestiti direttament mill-Kummissjoni u li jikkontribwixxu għal STEP: il-Fond Ewropew għad-Difiża, Orizzont Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali, il-Fond għall-Innovazzjoni, u l-programm I-UE għas-Saħħa.

---

<sup>38</sup> L-Artikolu 19 tar-Regolament STEP jemenda r-Regolamenti li jirregolaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), billi jippermetti lill-Istati Membri jidderieġu sa 6 % tal-fondi tal-RRF tagħhom lejn il-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU b'appoġġ għal investimenti finanzjarji f'teknoloġġi relatati ma' STEP—minbarra l-possibbiltà preeżistenti ta' trasferiment ta' 4 %, li jġib it-trasferiment potenzjali totali għal 10 %.

<sup>39</sup> [L-Avviż tal-Kummissjoni C/2024/4618, Gwida dwar il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza](#)

### 3.1. Kriterji ta' eliġibbiltà

Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament STEP, il-Kummissjoni tagħti Siġill STEP lil kwalunkwe proġett li jikkonforma ma' żewġ kundizzjonijiet:

- **Allinjament strateġiku:** jikkontribwixxi direttament għall-oġġettivi ta' STEP, kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament STEP u elaborati aktar fin-Nota ta' Gwida dwar STEP<sup>40</sup>.
- **Eċċellenza:** jikkonforma mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità, b'mod partikolari l-kriterji tal-eliġibbiltà, tal-esklużjoni u tal-għoti, previsti fis-sejħa speċifika għal proposti li taħtha jkun qed jiġi vvalutat.

Fil-prattika, is-**servizzi tal-Kummissjoni jfasslu sejniet iddedikati għal proposti (jiġifieri, "sejniet") biex jiġu implimentati l-oġġettivi ta' STEP**. Il-proposti sottomessi għas-sejniet iddedikati, li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kwalità wara valutazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni, se jirċievu Siġill STEP. Proġett jista' jirċievi s-Siġill STEP anke jekk ma jirċevix finanzjament dirett minħabba l-baġit limitat ta' sejħa partikolari għal proposti.

Il-proġetti approvati taħt il-qafas tal-**Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, Important Projects of Common European Interest)** jgħaddu minn valutazzjoni bir-reqqa mill-Kummissjoni. Filwaqt li s-Siġill STEP jista' jgħin lil dawn il-proġetti jaċċessaw il-finanzjament, bħall-fondi ta' koeżjoni, ir-Regolament STEP ma jipprevedix l-għoti ta' Siġilli STEP lil proġetti IPCEI.

Is-Siġill STEP huwa simili għas-**Siġill ta' Eċċellenza**, li bħalissa jingħata lil proġetti vvalutati taħt programmi, fost oħrajn, bħal Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, li ma rċevewx finanzjament minħabba n-nuqqas ta' baġit disponibbli f'sejħa partikolari. Ir-Regolament STEP jagħti lis-Siġill STEP l-istess status bħas-Siġill ta' Eċċellenza, fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni (*ara hawn taħt*).

Madankollu, b'differenza mis-Siġill ta' Eċċellenza, is-**Siġill STEP jingħata wkoll lil proġetti ffinanzjati (parzjalment jew kompletament), li jiftaħ it-triq għal kombinazzjonijiet possibbli ta' finanzjament**. Is-Siġill ta' Eċċellenza jikkonċerna firxa speċifika ta' azzjonijiet ta' finanzjament tal-UE taħt Orizzont Ewropa<sup>41</sup>.

### 3.2. L-għoti tas-Siġill STEP

Il-proċess tal-għoti tas-Siġill STEP huwa mfassal biex ikun sempliċi u faċli għall-utent. **Il-promoturi tal-proġetti ma jeħtiġux applikazzjoni separata**; il-proġetti li japplikaw għal sejniet bit-ticketta STEP taħt il-ħames programmi eliġibbli jiġu vvalutati awtomatikament għal Siġill STEP. Is-Siġill

---

<sup>40</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C/2024/3209, Nota ta' Gwida dwar ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/795 li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), 2024, disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/3209/oj>

<sup>41</sup> Is-Siġill ta' Eċċellenza jibbenefika minn eżenzjonijiet tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER, General Block Exemption Regulation), filwaqt li s-Siġill STEP ma jagħmilx dan.

STEP jingħata flimkien mar-riżultati tas-sejħa, bir-riċevituri jirċievu ċertifikat online u fuljett ta' spjegazzjoni m'ħejji mill-Kummissjoni Ewropea.

**Il-proġetti aġġudikati jiġu ppubblikati fuq il-Portal STEP f'dashboard iddedikat<sup>42</sup>, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju<sup>43</sup>. Għal sejħiet fejn il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li tiskatta restrizzjonijiet ta' sigurtà skont l-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju jew Artikoli relatati fl-atti tal-programm rispettivi, li jikkonċernaw l-assi u l-interessi strateġiċi tal-UE, jistgħu japplikaw kundizzjonijiet addizzjonali. F'każijiet b'hal dawn, tista' tkun meħtieġa valutazzjoni tal-kontroll tas-sjieda (OCA, ownership control assessment), iżda din titwettaq biss jekk il-proġett jintgħażel għall-finanzjament. Għal proġetti tas-Siġill STEP taħt sejħiet b'restrizzjoni tas-sigurtà, li ma jkunux irċevew finanzjament, l-inċentivi marbuta jistgħu ma jkunux disponibbli sakemm titwettaq OCA.**

### 3.3. Benefiċċji li tirċievi Siġill STEP

Is-Siġill STEP ġie introdott fir-Regolament STEP biex **jiffaċilita l-aċċess għal finanzjament alternattiv jew komplementari minn programmi tal-UE u investituri privati**, inklużi l-fondi tal-politika ta' koeżjoni, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond għall-Modernizzazzjoni, u InvestEU<sup>44</sup>.

Id-deċiżjoni finali dwar appoġġ finanzjarju addizzjonali tibqa' f'idejn l-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-baġit tal-UE fl-Istati Membri, b'hal dawk li jissorveljaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

FI-2024, it-Taskforce ta' STEP tal-Kummissjoni żgurat li l-proġetti ttikkettati jiġu ppubblikati fuq il-Portal STEP<sup>45</sup>, bil-lista tiġi aġġornata regolarment u kondiviża b'mod attiv mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) ta' STEP. It-Taskforce ta' STEP iddisseminat ukoll din l-informazzjoni lis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni li jappoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-UE, inklużi d-DĠ REGIO, id-DĠ ECFIN, u s-SĠ-REFORM.

Fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni ta' STEP, tfaċċaw sfidi inizjali fir-rigward tal-effettività tas-Siġill STEP b'hal għodda għall-faċilitazzjoni tal-finanzjament.

Pereżempju, **il-kombinazzjoni ta' sorsi differenti ta' finanzjament tista' tkun kumplessa minħabba metodoloġiji differenti użati mill-awtoritajiet tal-għoti**. Pereżempju, meta

---

<sup>42</sup> Ara [https://strategic-technologies.europa.eu/investors\\_en](https://strategic-technologies.europa.eu/investors_en)

<sup>43</sup> L-Artikolu 125 tar-Regolament 2024/2509 (UE) dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (jiġifieri r-Regolament Finanzjarju) jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar ir-riċevituri ta' fondi ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Disponibbli fuq: [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L\\_202402509](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L_202402509)

<sup>44</sup> Fost il-faċilitazzjonijiet introdotti mir-Regolament STEP, l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u tal-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+) jistgħu jiffinanzjaw direttament proġetti tas-Siġill STEP mingħajr ma jniedu sejħa ġdida għal proposti, dment li l-proġetti jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-programm. Bl-istess mod, ir-Regolament STEP jirrikjedi li l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-proġetti mogħtija s-Siġill meta jirvedu l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom jew jallokaw investimenti mis-sehem tagħhom tal-Fond għall-Modernizzazzjoni u li jikkunsidrawhom fil-proċeduri relatati mal-għażla tal-investimenti mill-BEI u fil-"kontrolli tal-politika" stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/523, jiġifieri r-Regolament InvestEU.

<sup>45</sup> Ara [https://strategic-technologies.europa.eu/investors\\_en](https://strategic-technologies.europa.eu/investors_en)

tirrimborża l-kostijiet tal-proġetti, il-Kummissjoni spiss tuża “għażliet ta’ kostijiet issimplifikati”<sup>46</sup>. Dawn il-metodi jirrimborżaw il-kostijiet ta’ proġett abbażi ta’ stimi tal-kostijiet jew fuq il-kisba ta’ stadji importanti definiti minn qabel tal-proġett. L-allinjament ta’ dawn l-approċċi ma’ sistemi ta’ rimborż ibbażati fuq il-kostijiet reali mġarrba jippreżenta sfidi, b’mod partikolari fl-iżgurar tal-konformità mal-projbizzjoni kontra l-finanzjament doppju<sup>47</sup>, li tipprevjeni kwalunkwe element ta’ kost milli jirċievi aktar minn 100 % tal-finanzjament tiegħu mill-baġit tal-UE.

Dawn se jiġu esplorati aktar fir-rapport ta’ evalwazzjoni interim ta’ STEP li għandu jsir fit-tieni nofs tal-2025.

### 3.4. Is-Sitwazzjoni Attwali

L-ewwel Siġilli STEP ingħataw f'Ottubru 2024 - biss meta tlesta l-proċess ta’ evalwazzjoni għall-ewwel sejħiet allinjati ma’ STEP. **FI-2024, ingħataw total ta’ 162 Siġill STEP** taħt il-ħames suġġetti ta’ sejħiet tas-sejħa tal-Fond għall-Innovazzjoni tal-2023, iż-żewġ suġġetti tas-sejħa għal proposti ta’ Orizzont Ewropa – Pilastru II Spazju u t-tliet suġġetti tal-programm I-UE għas-Saħħa. Is-Siġilli STEP mogħtija taħt il-Fond għall-Innovazzjoni ngħataw lil proġetti fil-qasam tat-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi, filwaqt li s-Siġilli mogħtija taħt Orizzont Ewropa u l-programm I-UE għas-Saħħa huma rilevanti rispettivament għas-setturi diġitali u tal-bijoteknoloġiji.

**TABELLA 4: Sommarju tas-Siġilli STEP mogħtija taħt is-sejħiet għal proposti rilevanti għal STEP fi-2024**

Isem is-Sejha	Isem is-Suġġett tas-Sejha	Sigilli
<b>InnovFund-2023-NZT</b>	Skala Kbira	80
	Skala Medja	16
	Skala Żgħira	8
	Bdoti	20
	Manifattura ta’ Teknoloġija Nadifa	25
	<b>Total</b>	<b>149</b>

Isem is-Sejha	Isem is-Suġġett tas-Sejha	Sigilli
<b>HORIZON-CL4-2024-SPACE-01</b>	Studju tal-Faзи-B tal-Gravimetrija Spazjali Kwantistika u Maturazzjoni tat-Teknoloġija	0
	Teknoloġiji spazjali għan-nondipendenza u l-kompetittività Ewropea	6
	<b>Total</b>	<b>6</b>

Isem is-sejha	Isem is-suġġett tas-sejha	Sigilli
---------------	---------------------------	---------

<sup>46</sup> L-Artikolu 125 tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi li l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni taħt ġestjoni diretta, kondiviża jew indiretta jistgħu jjeħdu l-forma ta’ finanzjament mhux marbut mal-kostijiet tal-operazzjonijiet rilevanti abbażi ta’ (i) l-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli speċifiċi għas-settur jew fid-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni jew (ii) il-kisba tar-riżultati mkejla b’referenza għal stadji importanti stabbiliti qabel jew permezz ta’ indikaturi tal-prestazzjoni.


<sup>47</sup> L-Artikolu 194 tar-Regolament Finanzjarju, għalkemm jippermetti finanzjament konġunt minn linji baġitarji separati, jistabbilixxi li “l-istess kostijiet qatt ma għandhom jiġu ffinanzjati darbtejn mill-baġit”.

<b>EU4H-2024-PJ-01</b>	Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tal-Vaċċini (EVH, European Vaccines Development Hub)	1
	Sejħa għal proposti biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' antivirali ġodda	1
	Sejħa għal proposti biex jiġu appoġġati teknoloġiji u proċessi innovattivi ta' manifattura fl-Unjoni għall-produzzjoni tal-mediċini	5
	<b>Total</b>	<b>7</b>

Sors: Rapportar tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea.

Minn total ta' 162 proġett li ngħataw is-Siġill STEP, 98 proġett ġew magħżula minn qabel għal għotja permezz tas-sejħa għal proposti li tañtha ġew iwwalutati. Il-proġetti kollha li ngħataw Siġill STEP taħt Orizzont Ewropa u l-programm l-UE għas-Saħħa u 85 proġett li ngħataw is-Siġill taħt il-Fond għall-Innovazzjoni ġew mistiedna wkoll għat-tnejn tal-ftehim ta' għotja. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-għotjiet mogħtija se jkopru parti mill-kostijiet tal-proġetti eliġibbli (eż., massimu ta' 60 % tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-Fond għall-Innovazzjoni), u b'hekk iñallu lok għal finanzjament addizzjonali potenzjali. L-64 proġett l-oħra evalwati b'mod pożittiv taħt il-Fond għall-Innovazzjoni ma rċevewx għotjiet minħabba restrizzjonijiet baġitarji iżda xorta ngħataw is-Siġill STEP għall-potenzjal qawwi u l-mertu tekniku tagħhom.

**ILLUSTRAZZJONI 14: Diżaggregazzjoni tal-għadd ta' proġetti li ngħataw Siġill STEP għal kull status ta' finanzjament u għal kull programm ta' għoti.**



Sors: Rapportar tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea.

Abbażi tas-suġġett li taħtu ġew iwwalutati, il-biċċa l-kbira tal-proġetti aġġudikati kienu allinjati mal-oġġettiv ta' STEP li jiġu appoġġati l-iżvilupp u/jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi madwar l-Unjoni, jew li jiġu salvagwardjati u msaħħa l-ktajjen tal-valur rispettivi tagħhom.


**FI-2024, l-ebda proġett tas-Siġill STEP ma indirizza speċifikament in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' hillet fis-setturi ta' STEP.**

F'termini ta' distribuzzjoni ġeografika, il-biċċa l-kbira tal-proġetti li ngħataw is-Siġill STEP kienu jinsabu<sup>48</sup> fi Franza (29 Siġill), fil-Ġermanja (25 Siġill), fi Spanja (22 Siġill), fl-Italja (19-il Siġill) u fl-Iżvezja (14-il Siġill).

<sup>48</sup> Pajjiż jittqies li jkun irċieva Siġill STEP jekk mill-anqas proġett wieħed b'Siġill mogħti jkun jinsab parzjalment jew kompletament fi ħdan il-fruntieri tiegħu, anke fil-każ ta' proġetti b'diversi postijiet.

## ILLUSTRAZZJONI 15: Distribuzzjoni ġeografika tas-siġilli STEP mogħtija fl-2024<sup>49</sup>

- Numru ta' Siġilli STEP fis-settur tat-teknoloġija nadifa
- Numru ta' Siġilli STEP fis-settur tat-teknoloġija diġitali
- Numru ta' Siġilli STEP fis-settur tal-bijoteknoloġiji



Sors: Rapportar tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea.

F'termini **reġjonali**, ir-reġjuni tal-UE li rċewew l-ogħla numru ta' Siġilli STEP kienu l-Katalonja (Spanja) u l-Lombardia (l-Italja) b'fames Siġilli STEP kull wieħed fis-settur tat-teknoloġija nadifa, Île-de-France (Franza) b'erbgħa għat-teknoloġiji diġitali u tnejn għall-bijoteknoloġiji, u Oberbayern (il-Ġermanja) bi tnejn għat-teknoloġiji diġitali u tnejn għall-bijoteknoloġiji.

<sup>49</sup> Is-Siġilli STEP mogħtija lil konsorzji b'aktar minn benefiċjarju wieħed jingħaddu taħt kull Stat Membru fejn tkun stabbilita entità parteċipanti.

## 4. GĦODDA 4: Iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament bil-Portal STEP

### 4.1. Portal STEP: punt uniku ta' servizz għall-applikanti tal-proġetti, għall-awtoritajiet pubbliċi, u għall-investituri

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament STEP, l-ewwel verżjoni tal-portal STEP (Portal tas-Sovranità) ġiet rilaxxata pubblikament fid-29 ta' April 2024, inqas minn xahrejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Din iffokat fuq il-ħames programmi tal-UE fil-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP li huma ġestiti direttament mill-Kummissjoni, u wriet informazzjoni dwar:

- sejħiet għal proposti li għadhom għaddejjin u li ġejjin li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP;
- lista ta' teknoloġiji fil-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP;
- informazzjoni kompatta dwar STEP u l-programmi li fuqhom hija bbażata;
- il-possibbiltà li jintbagħtu feedback u mistoqsijiet, u li wieħed jabbona f'Bullettin ta' STEP;
- ħoloq għal riżorsi eżistenti (eż., servizzi ta' konsulenza, inizjattivi ewlenin tal-Kummissjoni li jappoġġaw l-oġġettivi ta' STEP, eċċ.).

Bi tweġiba għall-feedback tal-utenti, f'**Settembru 2024 ġiet rilaxxata verżjoni mġedda tal-portal STEP**. Din il-verżjoni aġġornata introduċiet:

- **struttura ffukata fuq l-utent** li tfassal il-kontenut biex tissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-udjenzi ewlenin fil-mira: il-promoturi tal-proġetti, l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tal-baġit tal-UE fl-Istati Membri, u l-investituri privati. Inħolqu taqsimiet iddedikati għal kull grupp, li jiżguraw aċċess aktar faċli għall-informazzjoni rilevanti;
- viżwali u infografika mtejba, li tejbu d-disinn tal-Portal u saħħew l-**identità viżwali** tiegħu;
- **dashboard "Get Funding"**, li jelenka s-sejħiet għal proposti kollha relatati ma' STEP billi juża d-data mill-portal għall-Finanzjament u għall-Offerti tal-UE bħala s-sinsla, u li jidderieġi lill-promoturi tal-proġetti lejn dan tal-aħħar għall-applikazzjoni propja għal sejħiet speċifiċi;
- **mappa tal-NCPs ta' STEP** interattiva;
- id-**dashboard tas-Siġilli STEP**, li jipprovdi informazzjoni intuittiva dettaljata dwar il-proġetti li ngħataw is-Siġill STEP madwar l-UE;
- mappa li turi l-Istati Membri/ir-Reġjuni li sfruttaw opportunitajiet ta' finanzjament għal **STEP taħt il-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni tagħhom**.

Wara li ilu online għal 8 xhur, il-portal STEP issa jservi bħala pjattaforma konvolġenti u aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha. Il-Portal STEP ġie stabbilit bħala **punt uniku ta' servizz komprensiv** imfassal biex jippreżenta l-opportunitajiet kollha ta' finanzjament disponibbli permezz ta' finanzjament tal-UE għal setturi strateġiċi allokatu taħt STEP, mingħajr ma jidduplika s-sistemi eżistenti peress li jiddependi parzjalment fuq il-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti.

## 4.2. STEP bħala punt ta' dħul uniku pilota għall-finanzjament tal-UE


Wieħed mill-objettivi tal-Portal STEP kif stabbilit fir-Regolament STEP kien li tiġi vvalutata l-fattibbiltà tal-għoti ta' informazzjoni dwar il-programmi tal-Unjoni f'portal uniku tal-Unjoni, biex l-opportunitajiet kollha ta' finanzjament tal-Unjoni jinġiebu eqreb lejn il-benefiċjarji potenzjali u tissaħħaħ it-trasparenza tagħhom lejn iċ-ċittadini tal-Unjoni.

Iggwidata minn approċċ iffukat fuq l-utent, it-Task Force ta' STEP wettqet **stħarriġ madwar l-UE kollha dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-UE** minn nofs Settembru sal-aħħar ta' Ottubru 2024 li ġabar kważi 500 tweġiba mis-27 Stat Membru kollha. B'mod parallel, saru **30 intervista bilaterali** ma' kampjun ta' benefiċjarji potenzjali, assoċjazzjonijiet tal-industrija, punti ta' kuntatt nazzjonali (ta' STEP u programmi oħra tal-UE bħal Orizzont Ewropa), u kumpaniji ta' konsulenza.

### Il-punti ewlenin kienu:


- L-applikanti jiffaċċjaw sfidi biex isibu informazzjoni dwar il-finanzjament tal-UE

### ILLUSTRAZZJONI 16: Huwa faċli biex issib informazzjoni dwar il-finanzjament tal-UE?



Sors: Stħarriġ madwar l-UE dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-UE mwettaq minn nofs Settembru sal-aħħar ta' Ottubru 2024.

### ILLUSTRAZZJONI 17: Sfidi meta wieħed ifittex informazzjoni dwar il-finanzjament (% tal-utenti)



Sors: Stħarriġ madwar l-UE dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-UE mwettaq minn nofs Settembru sal-aħħar ta' Ottubru 2024.

- Kemm l-utenti ġodda kif ukoll dawk b'esperjenza jagħtu biss punteġġ ta' 5/10 għall-**faċilità biex wieħed isib informazzjoni dwar il-finanzjament tal-UE**, li jindika li **l-esperjenza ġenerali hija ta' sfida** irrISPettivament mil-livell ta' esperjenza li għandu l-utent.
- Il-biċċa l-kbira indikaw li d-diffikultajiet huma relatati mal-fażijiet ta' sensibilizzazzjoni u identifikazzjoni, u jikkonfermaw li x-xenarju attwali tal-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE huwa **diffiċli wisq biex wieħed jaqrah u jnavigah** ("*Irrid infittex ta' spiss ħafna għal informazzjoni ġdida [l-ebda tfakkira utli]*", "*Nitħawwad dwar l-iskedi ta' żmien ġenerali [il-ftuħ, l-għeluq, id-data ta' skadenza]*", "*diffiċli tifhem l-ammonti ta' finanzjament eliġibbli [x'inhuma l-kostijiet eliġibbli]*")
- Għalhekk, **l-utenti jridu jiddependu ħafna fuq appoġġ estern**: huma jfittxu b'mod partikolari riżorsi b'xejn bħal avvenimenti u webinars iżda 33 % tal-utenti jeħtieġ li jiddependu fuq esperti professjonali jew konsulenti mħallsa għall-gwida. Għalhekk, l-identifikazzjoni tal-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE għandha kost għall-partijiet ikkonċernati saħansitra qabel ma jibdew il-proċess ta' applikazzjoni.
- Il-partijiet ikkonċernati jfittxu **portal għall-finanzjament tal-UE** ċar u faċli.
- Il-**kanali uffiċjali** jibqgħu s-sors ewlieni ta' informazzjoni. Għalhekk, l-aspettattivi huma għoljin fost il-partijiet ikkonċernati għal portal ċar, faċli biex tinnavigah u tifhmu, li jiġbor l-opportunitajiet kollha ta' finanzjament li joħroġu mill-baġit tal-UE.
- **Sorsi mhux uffiċjali** bħal avvenimenti u networks professjonali jintużaw ħafna għal informazzjoni u aġġornamenti addizzjonali.

### Punt uniku ta' servizz: L-aspettattivi tal-utenti li jħarsu 'l quddiem


FI-2024, it-Task Force ta' STEP għamlet ħilitha biex tipprovdi Portal STEP li jagħmel il-ħajja tal-applikanti tal-proġetti aktar faċli u b'hekk jippermetti aktar riċerkaturi/kumpaniji li jaċċessaw il-finanzjament tal-UE – li jissodisfa l-oġettiv stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament STEP fir-rigward tas-simplifikazzjoni u t-trasparenza. L-esperjenza pożittiva dwar il-Portal STEP ġiet ikkonfermata: Terz ta' dawk li wiegħbu kienu diġà jafu bi STEP (li juri impatt tajjeb ta' sensibilizzazzjoni minħabba

L-perjodu ta' żmien qasir li kien disponibbli), u kważi 90 % setgħu jsibu l-informazzjoni li kellhom bżonn.

Tlieta minn kull erbgħa ta' dawk li wiegħbu raw valur f'punt uniku ta' **servizz li jgħaqqad flimkien l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE u dawk nazzjonali**.

L-utenti ssottolinjaw **liema tip ta' informazzjoni hija essenzjali**: l-iskadenza u l-iskeda ta' żmien ta' sejħa, ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà u l-ambitu, it-tip ta' finanzjament u l-ammont jinsabu fl-ewwel tliet postijiet.

## ILLUSTRAZZJONI 18: X'inhom l-iktar informazzjoni importanti li għandha tiġi identifikata?



Sors: Stħarriġ madwar l-UE dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-UE mwettaq minn nofs Settembru sal-aħħar ta' Ottubru 2024.

## L-istabbiliment ta' simulatur biex jipprovdi lill-SMEs bi gwida dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni

Biex tikkonforma mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament STEP rigward il-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' simulatur, it-Task Force ta' STEP diġà bdiet ħidma fl-2024 fuq **proġett possibbli ta' chatbot ta' STEP bi-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA)**. Għodda bħal din għandha tgħin lill-applikanti tal-proġetti jidentifikaw aħjar l-opportunitajiet ta' finanzjament li jkunu eliġibbli għalihom fuq bażi ta' domanda (jiġifieri, billi jitqiesu l-input tal-utent jew l-idea tal-proġett). Approċċ ġdid bħal dan jirrivoluzzjona s-sistema eżistenti ta' finanzjament tal-UE, li bħalissa hija **bbażata fuq l-offerta**, li tirrikjedi li l-applikanti jfittxu ġo firxa wiesgħa ta' programmi biex jidentifikaw opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti.

Abbażi tal-ħtiġijiet tal-utenti espressi fl-istħarriġ, it-Task Force ta' STEP kisbet stampa aktar ċara ta' kif l-intelliġenza artifiċjali tista' tgħin fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE:

- L-utenti jistennew li l-IA tipprovdi **informazzjoni ċara u appoġġ ta' onboarding** biex jidentifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE;
- Il-maġġoranza tal-utenti **japprezzaw l-IA bħala assistenza** fl-identifikazzjoni tat-tqabbil mal-opportunitajiet ta' finanzjament l-aktar rilevanti;
- L-utenti **ma qajmux interess fl-użu tal-IA għat-tlaqqiġ** (is-sejba ta' sħab għal proġetti b'diversi benefiċjarji);
- L-**affidabbiltà** u l-**korrettezza tal-informazzjoni** huma l-aktar karatteristiċi apprezzati li l-utenti jistennew mill-assistenza tal-IA;

- L-**appoġġ multilingwi** huwa meqjus bħala “xi fraġa sabiħa li jkollok” mill-utenti mill-Istati Membri tal-Ewropa tal-Lvant, iżda mhux neċessità meta mqabbel ma’ dawn ta’ hawn fuq.

## 5. Kontribut għall-objettivi fit-tul dwar il-kompetittività

Billi tidderieġi l-investimenti fl-innovazzjoni diġitali u tat-teknoloġija avvanzata, fit-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi, u fil-bijoteknoloġiji, **STEP issaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa billi ssaħħaħ ir-reżiljenza industrijali u l-kapaċità tal-innovazzjoni**. B’differenza minn fond awtonomu, STEP taħdem billi tintegra u tikkoordina l-istrumenti finanzjarji eżistenti tal-UE – billi tikkombina fondi ġestiti direttament mill-Kummissjoni u fondi ġestiti mill-Istati Membri – filwaqt li tiżgura li l-investment pubbliku jkun dirett b’mod aktar effettiv lejn prijoritajiet industrijali u teknoloġiċi kritiċi.

STEP tallinja mill-qrib mal-**Boxxla għall-Kompetittività**<sup>50</sup>, il-qafas fit-tul tal-UE għar-reżiljenza ekonomika u s-saħħa industrijali. Prijorità ewlenija tar-**Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2025**<sup>51</sup> hija li jiżdied l-investment strateġiku fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) u jitjeb l-aċċess għall-finanzjament għal kumpaniji b’rata għolja ta’ tkabbir — objettivi appoġġati direttament minn STEP permezz tas-Siġill STEP, il-Portal STEP, u l-allinjament ta’ aktar minn EUR 10 biljun f’finanzjament fl-2024.

Billi tintegra l-finanzjament taħt ġestjoni diretta u l-finanzjament taħt ġestjoni kondiviża, **STEP tgħaqqad is-silos tal-finanzjament**, u b’hekk tiżgura approċċ aktar strateġiku u xprunat mill-impatt għall-investimenti tal-UE f’setturi b’impatt għoli. STEP tiżgura li l-mekkaniżmi ta’ finanzjament tal-UE jappoġġaw aħjar l-iscale-up tat-teknoloġija u l-kompetittività industrijali fit-tul.

Fl-ewwel sena tagħha, STEP **iffaċilitat aċċess aħjar għall-finanzjament, appoġġat teknoloġiji mill-aktar avvanzati, u ppermettiet allokkazzjoni aktar strateġika tar-riżorsi tal-UE**. Il-progress, il-koordinazzjoni kontinwa u l-investimenti mmirati se jkunu kruċjali fl-iskalar tal-innovazzjoni Ewropea, l-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista, u ż-żamma tal-kompetittività globali.

## 6. Konklużjoni

Fl-ewwel sena tal-operat tagħha fl-2024, **STEP uriet il-valur tagħha bħala katalist għall-investment strateġiku**, fejn iddereġiet aktar minn EUR 10 biljun lejn teknoloġiji kritiċi. Bl-allinjament ta’ 11-il programm tal-UE u l-Istati Membri lejn l-istess objettivi, STEP saħħet is-sinerġiji

<sup>50</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2025) 30, Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, disponibbli fuq: [https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness\\_mt](https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness_mt)

<sup>51</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2025) 26, Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2025, disponibbli fuq: [https://single-market-economy.ec.europa.eu/publications/2025-annual-single-market-and-competitiveness-report\\_mt](https://single-market-economy.ec.europa.eu/publications/2025-annual-single-market-and-competitiveness-report_mt)

bejn is-sorsi ta' finanzjament, tejbet l-aċċess għall-finanzjament għal proġetti ta' kwalità, u saħħet il-kompetittività fit-tul u s-sovranità teknoloġika tal-Ewropa.

L-implimentazzjoni ta' STEP kienet tirrikjedi **sforzi estensivi ta' koordinazzjoni** meta wieħed iqis il-grad ta' eteroġeneità fil-programmi li fuqhom kienet ibbażata u l-isfidi biex **jinħolqu sinerġiji** bejniethom – dan huwa esplorat aktar fir-rapport ta' evalwazzjoni interim ta' STEP.

B'ħarsa 'l quddiem lejn l-2025, il-fokus ta' STEP se tkun fuq l-approfondiment tal-impatt tagħha permezz ta':

- **L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP għat-teknoloġiji tad-difiża** bħala r-raba' settur teknoloġiku, bħala parti mill-pakkett mini omnibus tad-difiża propost mill-Kummissjoni f'April 2025<sup>52</sup>.
- **L-iskalar tal-opportunitajiet ta' finanzjament** permezz tal-espansjoni tas-sejñiet allinjati ma' STEP taħt Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, u l-Fond Ewropew għad-Difiża, biex tiġi żgurata riżerva kostanti ta' investiment f'setturi strateġiċi.
- **L-inkoraġġiment ta' parteċipazzjoni akbar tal-Istati Membri** fil-Politika ta' Koeżjoni u fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) biex jiġu mobilizzati riżorsi addizzjonali għall-proġetti STEP.
- **It-tiżni tar-rwol tas-Siġill STEP biex jiġu żblokkati sorsi ta' finanzjament alternattivi u komplementari**, filwaqt li jiġi żgurat li kemm il-proġetti ffinanzjati kif ukoll dawk mhux iffinanzjati jkunu jistgħu jattiraw l-investiment.
- **It-tiżni tal-Portal STEP bi-integrazzjoni ta' għodod li jaħdmu bl-IA** biex il-finanzjament tal-UE jsir aktar aċċessibbli għan-negozji, ir-riċerkaturi u l-promoturi tal-proġetti.

Lil hinn minn dan, **STEP se tkompli tevoli bħala strument tal-politika industrijali tal-UE**. Billi tinżamm koordinazzjoni b'saħħiħha bejn il-programmi tal-UE, l-Istati Membri, u l-investituri privati, STEP se tkompli bħala waħda mill-ixprunaturi fità-tul tal-kompetittività tal-Ewropa.

---

<sup>52</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u 2024/795 fir-rigward tal-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe (22 ta' April 2025), disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025PC0188&qid=1745326390551>